NEWSPAPER POST



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

LULJU - AWWISSU 2009

Nru 169

# "Quis similis tui?"



## festa San Ġorġ 2009 ġmiel | arti | liturġija | kultura









›› rapport f'paġni 10, 11 u 20

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Għażiż għal qalbna, speċjali għal gżiritna

Din il-ħarġa ta' Lulju-Awwissu, barra l-kontenut tas-sensiliet li qed noffrulkom tul dawn is-sitt ħarġiet, fiha rapport dettaljat bil-kulur fuq il-festa ta' San Ġorġ 2009, li tibqa' l-ġrajja l-aktar importanti li għexet il-komunità parrokkjali tagħna fl-aħħar ġimgħat. San Ġorġ hu l-mimmi t'għajnejna u ma nixbgħux nitkellmu fuqu. Il-festa li nagħmlulu, kif jista' jara kulħadd, hi biżżejjed xhieda ta' dan.

Iva, San Ġorġ, għażiż int għal qalbna għaliex ħarisna lejk fid-diffikultajiet tagħna, u speċjali għal gżiritna għax int li ħaristha f'kull tiġrib. Kemm hi sabiħa ħarstek, Ġorġi tagħna, ħarsa smewwija li tfakkarna fix-xewqa li għandna ta' fejn għad naslu. Kemm rajniek sabiħ iddur mal-belt Għawdxija, ixxerred il-grazzji u tqawwi lill-qlub Ġorġjani. Kif stedinna mill-qalb l-arċipriet Mons. Carmelo Refalo fit-tielet jum ta' Tridu bi priedki mill-aqwa, "ħa tfeġġ f'qalbna x-xewqa għal dan il-jum!".

Kun int, San Ġorġ, li tqawwi l-qalb ta' dawk li qatgħuha, tagħti s-saħħa lil dawk li tilfuha u l faraġ lill imnikktin. Kun int li fuq kollox tqawwi l-qlub tagħna biex inħarsu lejk u bi spirtu Ġorġjan nissoktaw ngħixu s-sejħa li għandha b'missjoni għall-gżira kollha l-parroċċa tagħna, għax l-Għawdxin jilmħu fik il-protettur smewwi tagħhom li minnha tindokrahom bħal missier li jħobb lil uliedu u ma jitlaqhom qatt għal riħhom. Kienu nies b'demm Ġorġjan tassew ulied din il-parroċċa ta' Għawdex li ħarsu ġieħek u ismek, titular wisq maħbub tagħha.

Tul iż-żmien l-Għawdxin ħarsu lejn San Ġorġ bħala l-protettur tagħhom u kienu huma li, b'imħabba u mhux b'xi editt, żammewh bħala l-patrun ewlieni ta' arthom. Għalhekk il-lum nissoktaw nitnebbħu minnek, San Ġorġ, u nkomplu nitolbu għall interċessjoni tiegħek quddiem Alla, biex din l-imħabba lejk tibqa', tikber u tixtered ma' kullimkien, anki fost uliedna ż-żgħar li darrejniehom ilissnu ismek qabel kull ieħor. Bħalma għattant ras id-dragun b'sinjal ta' rebħa li fetħitlek il-bieb għall-ħajja dejjiema, għin lilna lkoll nirbħu s-saltna ta' dejjem u nibqgħu naraw fik mudell ta' ħajja Kristjana.

**Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom**
Anthony Mercieca (il-Kanada) – C$40, Dun Ġużepp Gauci (Victoria) – €10, Anton Farrugia (Ta' Sannat) – €20.

## KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 12/07/2009 | Colette, bint Lawrence Attard u Imelda Grima |
| 18/07/2009 | Mireille, bint Vincienne Xuereb u Michael Galea |
| 01/08/2009 | Davina, bint George Vassallo u Frances Galea |
| 12/08/2009 | Jacob, bin Paul Zerafa u Maureen Sammut |
| 14/08/2009 | Lucas, bin Anthony Said u Rose Falzon |
| 14/08/2009 | Jude, bin Joseph Camilleri u Nadia Sultana |

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 04/07/2009 | George Scicluna u Tatiane Cassar |
| 11/07/2009 | Michael Tabone u Josephine Camilleri |
| 25/07/2009 | Tiziana Casha u Ryan Azzopardi |
| 26/07/2009 | Joseph Vella u Isabelle Cassar |
| 01/08/2009 | Andrea Anton Cilia u Mario Gauci |
| 29/08/2009 | Mark Sagona u Charmaine Cremona |
| 30/08/2009 | Cristina Buttigieg u Saviour Michael Camilleri |

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 10/07/2009 | George Sciberras |
| 14/07/2009 | Joseph Micallef |
| 22/08/2009 | Victor Sultana |
| 30/08/2009 | Rita Grech |

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Michael Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Kan. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*

cardonapaul@gmail.com



## L-enċiklika l-ġdida tal-Papa fuq l-imħabba u l-verità (I)

Il-Papa Benedittu XVI għadu kif ·ta lill-Knisja t-tielet enċiklika tiegħu *Caritas in veritate* (L-imħabba fil-verità). Ġiet ippubblikata fis-7 ta' Lulju 2009 u ġġib id-data tad-29 ta' Ġunju 2009, solennità ta' San Pietru u San Pawl.

Il-ħsieb fundamentali ta' din l-enċiklika kien ispirat minn frażi li nsibu fl ittra ta' San Pawl lill Efesin fejn jitkellem fuq l-imġieba skond il-verità fl-imħabba: "Waqt li nagħmlu s-sewwa fl-imħabba nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-Ras, Kristu" (4:15). L-imħabba fil-verità hija dik il-qawwa li tagħti forza għall-veru żvilupp tal-persuna u ta' l-umanità kollha.

Bħad-dokumenti l-oħra tal-Maġisteru din l-enċiklika tagħmel tagħha t-tagħlim ta' qabel, tibni fuqu u tapprofondixxi l-analiżi u r-riflessjoni tal-Knisja fuq temi soċjali ta' interess kbir għall-umanità tas-seklu tagħna.

L-enċiklika, fil-verità, m'hix maħsuba biex tagħti soluzzjonijiet tekniċi għal tant problemi soċjali tad-dinja tal-lum. Tfakkar imma l-prinċipji kbar li huma indispensabbli biex jinbena żvilupp uman fis-snin li ġejjin.

Il-Papa, l-għada tal-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument, waqt l-udjenza ġenerali f'Ruma ħeġġiġna biex nitolbu ħalli din l-ittra enċiklika tiegħu tkun ta' għajnuna għall-umanità sabiex tħossha familja waħda, kapaċi twettaq dinja ta' ġustizzja u ta' paċi. Stedinna nitolbu wkoll għal dawk li jemmnu, u li jaħdmu fl-oqsma ta' l-ekonomija u tal-politika, ħalli jagħrfu kemm hija importanti x-xhieda evanġelika koerenti fis-servizz li jagħtu lis-soċjetà.

Din l-enċiklika hija maqsuma f'sitt kapitli, introduzzjoni u konklużjoni. **Fl-introduzzjoni** l-Papa jfakkarna li "l-imħabba hija t-triq fundamentali tad-duttrina soċjali tal-Knisja". U biex ma jagħtix lok għal interpretazzjonijiet kontra l prinċipji etiċi l-Papa jwissina li "Kristjaniżmu ta' mħabba mingħajr il-verità jista' jiġi mibdul f'għajn ta' sentimenti tajbin, utli għall-ħajja soċjali, iżda marġinali". Il-Papa Benedittu XVI jikteb li "l-iżvilupp għandu bżonn tal-verità" u jieqaf jirrifletti fuq żewġ "kriterji orjentattivi ta' l-għemil morali": il-ġustizzja u l-ġid komuni. Kull Kristjan hu msejjaħ għall-imħabba, ukoll permezz ta' "toroq istituzzjonali" li jistgħu jħallu effett fuq il-*"polis"*, il-ħajja tas-soċjetà.

**Fl-ewwel kapitlu** d-dokument jitkellem fuq il-messaġġ ta' l-enċiklika *Popolorum progressio* tal-Papa Pawlu VI li saħaq fuq "l-importanza indispensabbli tal-Vanġelu fil-bini ta' soċjetà skond il-libertà u l-ġustizzja". "Il-fidi Kristjana", jikteb il-Papa Benedittu XVI, "tinteressa ruħha fl-iżvilupp mingħajr ma tistenna privileġġi jew pożizzjonijiet ta' setgħa [...] iżda biss dawk ta' Kristu". Il-Q.T. juri kif "il-kawżi tas-sottożvilupp fid-dinja fuq kollox m'humiex ta' ordni materjali". Huma jinsabu fir-rieda, fil-ħsieb u ħafna aktar "fin-nuqqas ta' fraternità bejn il-bnedmin u l-popli".

*L-iżvilupp uman fi żminijietna* hu t-titlu **tat-tieni kapitlu**. L-għan esklussiv tal-qligħ "mingħajr il-ġid komuni bħala għan ewlieni jirriskja li jfarrak l-għana u joħloq il-faqar". Il-Papa juri xi jfarrak l-iżvilupp: l-attività finanzjarja, "b'mod partikulari dik spekulattiva", numru kbir ta' emigranti, "bosta minnhom imġiegħla" u mbagħad mitluqin għal riħhom, u aktar, "l-użu bla regoli tar-riżorsi tal-ħolqien" (tad-dinja). Quddiem dawn il-problemi flimkien il-Papa jagħmel appell biex tinħoloq sintesi umanistika ġdida u jistqarr: "L-iżvilupp tal-lum huwa 'poliċentriku'... Jikber il-ġid tad-dinja bħala kwantità, iżda tikber l-inugwaljanza u jinbet faqar ġdid".

"Fuq livell kulturali", ikompli l-Papa, "il possibbiltà ta' interazzjoni tiftaħ prospettivi ġodda ta' djalogu, imma hemm periklu doppju": l-ewwel nett li l-kulturi "jiġu meqjusa lkoll kemm huma sostanzjalment ekwivalenti"; il-periklu oppost hu dak li l-istil ta' ħajja jsir ugwali għal kulħadd. Benedittu XVI jagħmel appell kontra "l-iskandlu tal-ġuħ" u jawgura li jkun hemm "riforma fl-agrikultura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw".

Benedittu XVI jiġbed l-attenzjoni fuq ir-rispett għall-ħajja li "ma jistax bl-ebda mod jiġi mifrud" mill-iżvilupp tal-popli, u josserva li "meta s-soċjetà torjenta ruħha lejn iċ-ċaħda u l-qerda tal-ħajja tispiċċa biex ma ssibx aktar" motivazzjonijiet u enerġiji "xi tpoġġi għas-servizz tal-veru ġid tal-bniedem".

Aspett ieħor marbut ma' l-iżvilupp hu "d-dritt għal-libertà reliġjuża". Il-vjolenzi, jikteb il-Papa, "joħonqu l-iżvilupp awtentiku", u dan "jgħodd b'mod partikulari għat-terroriżmu fundamentalista".

*Fraternità, żvilupp ekonomiku u soċjetà ċivili* hu t-titlu **tat-tielet kapitlu**. Jibda b'innu ta' tifħir fuq l-esperjenza tad-don, li ħafna drabi m'hix tant magħrufa u milqugħa "minħabba li l-viżjoni ta' l-eżistenza tal-bniedem hija dik biss ta' produzzjoni u utilitaristika", fi kliem ieħor "nuża sakemm jaqbilli". "L-iżvilupp... jekk irid ikun awtentikament uman" jeħtieġ li "jagħmel spazju għall-prinċipju tal-gratwità". Dan jgħodd b'mod partikulari għas-suq. Il-loġika tas-suq jeħtieġ li "tiġi orjentata lejn it-twettiq tal-ġid komuni, u din ir-resposabbiltà għandha teħodha, u b'mod partikulari, il-komunità politika".

Fin-numru 38 tad-dokument il-Papa jerġa' jagħmel riferiment għall-enċiklika **Centesimus annus** ta' Ġwanni Pawlu II u juri "l-ħtieġa ta' sistema ġdida mibnija fuq tliet realtajiet": is-suq, l-Istat u s-soċjetà ċivili. Iħeġġeġ ukoll "biex l-ekonomija tkun aktar iċċivilizzata, jiġifieri l-ħtieġa li jingħataw forma u organizzazzjoni lil inizjattivi ekonomiċi li, mingħajr ma jeskludu l-profitt, jistgħu jmorru lil hinn mil-loġika tat-tpartit u tal-qligħ fih innifsu". Hemm bżonn ta' "forom ta' ekonomija solidali". Is-suq u l-politika għandhom bżonn ta' "persuni miftuħa għall-għotja reċiproka".

Dan il-kapitlu jagħlaq b'affirmazzjoni tal-Papa li jgħid li "globalizzazzjoni, *a priori*, la hi tajba u lanqas ħażina". Il-globalizzazzjoni ma nistgħux napplikawha biss "għall-proċess ekonomiku". Jeħtieġ li nimpenjaw ruħna kontinwament ħalli "niffavorixxu orjentament kulturali personalista u komunitarju, miftuħ għat-traxxendenza", kapaċi "jfejjaq dak li ma jaħdimx sewwa": fejn hemm firdiet bejn popli u fost il-popli jagħmel mod li t-tqassim tal-ġid lill-umanità ma jinbidilx fi tqassim ta' faqar, jekk mhux ukoll jitkabbar il-faqar fejn ġa hemm.

*jissokta fil-ħarġa li jmiss*

## Fuq il-passi ta' San Pawl fil-bażilika tagħna

DAWRA MA' L-ARTI PAWLINA F'SAN ĠORĠ | 4



*Francesco Pio Attard*
fpa@sangorg.org

# San Pawl fl-arzella ta' l-Assedju ta' l-Imdina

Il-vjaġġ Pawlin tagħna mal-pittura ta' Gian Battista Conti fis-saqaf tal-bażilika ta' San Ġorġ ma jiqafx ma' l-aħħar ħarġa. Ix-xbieha ħelwa ta' l-Appostlu Missier tagħna nerġgħu narawha jekk noħorġu mill-kor u nħarsu fl-għoli lejn il-lemin tagħna, f'dik li aħna nafuha bħala l-arzella "ta' l-Erwieħ" (għax tinsab fil-kappellun fuq l-altar iddedikat lill-Verġni Mqaddsa ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju) jew "ta' l-Assedju". Iż-żewġ arzelel tal-kappelluni laterali tal-bażilika jfakkru żewġ ġrajjiet kbar ta' interċessjoni ta' San Ġorġ, li jikkonfermaw il-ħarsien glorjuż ta' dan il-qaddis fuq il-gżejjer tagħna li sa mill-qedem ħatruh patrun tagħhom. U missirijietna riedu li din l-istorja tal-patrun ta' gżirithom u ta' belthom, li huma tant kienu mkabbrin biha,



L-inkwadru ta' Mattia Preti u l-bottega tiegħu (seklu sbatax),
fil-kappella tal-Lunzjata fil-katidral ta' l-Imdina,
li juri lil San Pawl rebbieħ fuq il-Mori fil-battalja ta' l-Assedju ta' l-1429.

tibqa' dejjem quddiemhom fil-pittura li kkummissjonaw lill-artist Ruman ta' ħila kbira.

L-Assedju l-Kbir ta' l-1565 ma kienx l-uniku wieħed fl-istorja tal-gżejjer tagħna. Diġà fi żmien il-ħakma Aragoniża l-poplu tagħna kellu jara kif jagħmel biex iħares il-bliet u l-irħula tiegħu mill-attakki tal-furbani. It-Torok, bil-flotta b'saħħitha tagħhom, kienu jsalpaw fil-Mediterran b'ħeffa ta' l-għaġeb u f'kemm ilni ngħidlek kont issibhom wara bieb darek; il-kursari infidili ta' l-Afrika ta' Fuq spiss kienu jorganizzaw xi *razzia* minn tagħhom u jitfgħu lill-gżejjer f'għaks ikbar minn ta' qabel. Malta tas-seklu ħmistax, imrażżna mhux ftit mill-ilġiem ta' bosta sidien fewdali, bilkemm setgħet tieħu nifs, maħqura kif kienet kemm taħt il-frosta tal-barrani li kien iżomm lil niesha mjassra u kemm mit-theddid ma jaqta' xejn ta' l-għadu Mislem. U donnha ftit swiet ta' frott il *Magna charta libertatis* li s-sultan Alfonsu V ta lill-Maltin fl-20 ta' Ġunju 1428!

Gonsalvo Monroi, l-aħħar sid fewdali ta' Malti, miet fl-10 ta' April 1429, jaħfer fuq is-sodda ta' mewtu d-dejn li l-Maltin kellhom miegħu, bil-patt li 10,000 fjorin minn dak ir-rahan jingħataw lis-Sultan għad-difiża tal-gżejjer, fosthom ta' l-Imdina, il-belt kapitali li dan kien għadu kemm sejjaħ *"notabile"*. Imma l-ħitan dgħajfa tagħha ma damux ma reġgħu sfaw mheżża mill-attakki għall-għarrieda ta' armata ta' 18,000 Musulman li f'Settembru 1429 ġew mibgħuta minn Abu Faris 'Ażżuż ta' Tuneż fuq sebgħin ġifen, taħt it-tmexxija ta' Kaid Ridwan, biex fi tliet ijiem ifittxu jaħtfu liż-żewġ gżejjer taħt ħakmet in-Nofs Qamar, qabel jaħbtu għal Venezja u Genoa.

Il-Maltin sabu ruħhom waħidhom jiddifendu lil arthom u belthom kontra għadu armat sa snienu, u li ma kienx għall-qlubija tad-Dejma ta' sitt elef Malti l-għadu kien isibha bil-wisq eħfef biex jidħol u jagħmel ħerba. Mingħajr l-għajnuna ta' ħadd il-Maltin, li ma tantx kienu armati, kemm minħabba n-nixfa ta' l-aħħar sajf u kemm minħabba l-qagħda xejn sabiħa ta' l-ekonomija, ħarsu mill-aħjar li setgħu s-swar ta' l-Imdina, għalkemm qalgħu xebgħa kbira għax ħafna mietu u t-Torok kienu laħqu ħarbtu sew il-kampanja Maltija u ħadu fuq erbat elef f'ilsiera lejn l-eżilju qabel attakkaw l-Imdina, fejn kien hemm għall-kenn il-popolazzjoni tal-gżira. Leġġenda popolari li daħlet sew fil-folklor Malti tgħid li kien f'dan l-assedju li t-Torok, biex jinku lill-Maltin, tefgħulhom minn fuq is-swar biċċiet tal-ħobż biex juruhom li kienu sa jirbħulhom bil-ħila tagħhom u mhux għax kienu sa jċeduhom bil-ġuħ u l-għatx. Imma l-Maltin riedu juruhom li ma kinux sa jgħoddu ruħhom b'mirbuħa, u tefgħulhom lura l-ħobż, din id-darba bi ġbejna fuq kull ħobża! Għal xi storiċi dan l-assedju kien iżjed qalil minn dak ta' l-1565, fost l-oħrajn għax il-Maltin irnexxielhom iġibu waħidhom ir-rebħa għal arthom, anki jekk ma naqsux il-konsegwenzi qarsa li ġabu fi kriżi lill-

għżira. Skond il-kronista Għarbi El-Zarkasi l-Mori waqqfu l-attakki tagħhom meta Ridwan kien għoddu ħa f'idejh il-għżira u ġarraf is-swar, jiġifieri fit-tielet jum.

X'kienet ir-raġuni tal-waqfien ħesrem mill-attakki qatt ma nistgħu nkunu nafu eżatt, għalkemm il-ftehim ta' Ridwan ma' ta' fuqu kien li, jiġri x'jiġri, wara tlitt ijiem l-attakk kellu jieqaf; fil-fatt fix-xefaq tax-xellug ta' l-arzella nilmħu ħames xwieni Misilma resqin biex jgħabbu. Iżda bosta kronisti jattribwixxu l-ħelsien tal-Maltin minn taħt idejn it-Torok lill-interċessjoni tas-Sema. Fil-fatt jingħad li huma u jiġġieldu lill-Maltin lejn tmiem l-assedju t-Torok lemħu tittajjar fl-għoli x-xbieha ta' San Pawl, Missier il-Maltin, riekeb fuq żiemel abjad bix-xabla f'idu, qed jiġġieled għal uliedu u jħarbat lill-għadu. Hi tradizzjoni li t-titular tal-katidral ta' l-Imdina minn dak in-nhar ma baqax ta' l-Assunta waħidha imma żdiedet miegħu – il-lum waħidha t-titular – il-Konverżjoni ta' San Pawl, li b'radd il-ħajr għal din l-interċessjoni tiegħu bdiet issir purċissjoni mill-parroċċi Maltin lejn l-Imdina kull sena nhar il-Lunzjata. Li hu żgur hu li fost l-isbaħ pitturi tal-bottega ta' Mattia Preti (1682) f'dik il-knisja, fil-kappella tal-Lunzjata, hemm kwadru li juri l-ħarsien ta' San Pawl fuq il-Maltin fl-1429. L-istess tema tispikka fil-koppla tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi (1938), xogħol l-artist Malti Ġużeppi A. Briffa.

Skond kronisti oħra ma' San Pawl fuq is-swar dak in-nhar dehru wkoll Sant'Agata u San Ġorġ, iż-żewġ patruni kbar ta' Malta u Għawdex rispettivament. Din hi t-tema ta' l-arzella ta' fuq il-kwadru ta' l-Erwieħ, li nsibu fil-bażilika ta' San Ġorġ. Hawn San Pawl, f'tarf iż-żewġ qaddisin l-oħra, jidher f'ikonografija simili ħafna għall-kwadru ta' Preti fil katidral ta' l-Imdina. Qed nirriferi prinċipalment għal-libsa ċelesti bl-istilel li liebes il-qaddis, b'mantell ħamrani li jperper u jitħallat ma' l-ilwien tal-bandiera Maltija f'idejn tnejn minn tad-Dejma. Il-qaddis jidher bix-xabla tilma f'idu u hiereġ għall-attakk, waqt li l-vleġeġ li l-Mori bdew jitfgħu lejh jidhru jinxteħtu lura biex jolqtu lil min sparahom. Anki lil San Ġorġ narawh riekeb fuq żiemel, bil-lanza f'idu u lest għat-taqbida, waqt li Sant'Agata hi wieqfa aktar fil-bogħod, qalb is-sħab li minnu ħerġin it-tliet qaddisin. Il-moral baxx tal-poplu sab



Ix-xbieha ta' San Ġorġ, b'San Pawl fuq il lomin, fit-tema ta' l-Assedju ta' l-Imdina fil-koppla tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, xogħol tas-seklu għoxrin ta' Ġużeppi A. Briffa.

ħeġġa ġdida f'din l-interċessjoni, għax id-dehra tagħhom fuq is-swar ta' l-Imdina beżżgħet lill-għadu, u għalhekk hawn il-Maltin jidhru qed iwaddbu kull xorta ta' materjal fuq it-Torok li qed jirtiraw imwerwra.

Sintendi hemm għexieren ta' dettalji oħra li wieħed jista' jispjega minn din l-arzella, fosthom l-ilbies, l-armaturi u

*jissokta f'paġna 8, isfel*



# Id-devozzjoni lejn San Ġużepp (3)

## Il-qima lejn San Ġużepp fil-bażilika ta' San Ġorġ

*Noel Micallef*

Il-bażilika ta' San Ġorġ hija xhieda ħajja tal-qima lejn il-kbir Patrijarka San Ġużepp. Mijiet ta' Kristjani jidħlu ta' kuljum fil-maqdes Ġorġjan iqimu lill-Verġni Mbierka, lill-protettur tagħhom San Ġorġ, kif ukoll lill-Għarus kastissmu ta' Marija. Kull nhar ta' Erbgħa wieħed jista' jilmaħ l-altar ta' San Ġużepp mimli xema' devozzjonali mixgħula għal xi wegħda jew grazzja maqlugħa mill-Protettur tal-moribondi. Imbagħad xi ngħidu meta d-19 tax-xahar jaħbat l-Erbgħa! Il-kappella ta' San Ġużepp tkun il-ġurnata kollha b'devoti jitolbu l-protezzjoni tiegħu. Il-bażilika ta' San Ġorġ hija mogħnija b'opri artistiċi b'turija ta' qima u mħabba lejn il-Protettur tal-Knisja universali li wrew missirijietna tul iż-żminijiet.



L-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fil-lemin tal-faċċata tal-knisja

Meta wieħed iħares lejn il-faċċata tal-bażilika jinnota li hemm żewġ niċeċ b'żewġ statwi: waħda ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u l-oħra ta' San Ġużepp. Oriġinarjament f'dawn iż-żewġ niċeċ kienu sa jitpoġġew statwi ġodda ta' San Pietru u San Pawl,[1] iżda għal xi raġuni jew oħra dan il-ħsieb kien tbiddel u flokhom kienu saru statwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u statwa ta' San Ġużepp. Huma xogħol l-istatwarju Għawdxi l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u tbierku mill isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi lejlet il-festa ta' l-1992. L-istatwa ta' San Ġużepp kienet tħallset mill-E.T. Dr Alexander Cachia Zammit, eks ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, u l-istatwa tal-Kunċizzjoni tħallset minn benefattur ieħor.[2]

### Il-kappella ta' San Ġużepp

It-tieni altar fuq in-naħa ta' l-Epistola huwa ddedikat lil San Ġużepp. Mill-1674 sa l-1739 dan l-altar kien iddedikat lil Sant'Omobono. Il-kwadru l-antik li kien sar fl-1674 m'hux magħruf fejn spiċċa. Il-festa ta' dan il-qaddis kienet issir fit-13 ta' Novembru u huwa l-patrun tal-ħajjata.[3] Wara l-1739 l-altar ta' Sant'Omobono ġie ddedikat lit-Trinità Qaddisa u dan għaliex fl-istess sena kienet ġiet imwaqqfa fih ix-Xirka tat-Trinitari mill-prokuratur ġenerali Fra Mikiel ta' San Rafiel.[4] Il-ħsieb tat-twaqqif ta' din il-fratellanza kien li tiġbor flus biex bihom tifdi l-ilsiera, għalhekk kienet magħrufa wkoll bħala "tal-fidwa". Din ix-xirka ġiet miżmuma fi żmien il-Franċiżi fl-1798.[5] Wieħed jista' jinnota l-arma tagħhom ta' l-irħam fin-nofs tal-mejda ta' l-altar.

L-inkwadru tat-Trinità, li l-pittur tiegħu m'hux magħruf, huwa mqassam hekk: fl-għoli hemm it-Trinità Qaddisa, taħthom fis-sħab hemm Sant'Omobono, taħt nett fuq ix-xellug ta' min iħares hemm Sant'Andrija u fuq il-lemin San Bażilju. Bejn Sant'Andrija u San Bażilju tidher fil-baħar dgħajsa bil-qlugħ miftuħ. Il-lum dan il-kwadru jinsab fl-Awla Kapitulari. Dan kien tħallas minn Basilio Grima, li kien Għawdxi, u għalhekk li ġie miżjud San Bażilju fil-kwadru. Il-festa ta' dan il-qaddis kienet issir fl-14 ta' Ġunju; u l-festa ta' Sant'Andrija, li kienu jagħmluhielu s-sajjieda tat-Triq ta' l-Għajn,[6] issir fit-30 ta' Novembru.

Kien propju f'Jannar ta' l-1905 li tneħħa l-inkwadru tat-Trinità u floku tpoġġa l-inkwadru tal-Familja Mqaddsa, jew aħjar ta' San Ġużepp. Il-kwadru tħallas minn Marija Agius, waħda mill-ewwel sorijiet tal-komunità reliġjuża tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk ta' din il-belt.[7] F'dan il-kwadru jidher il-Missier etern fuqani b'idejh miftuħa u taħtu l-Ispirtu s-Santu, qed jishru fuq il-Familja Mqaddsa.



L-inkwadru l-antik tat-Trinità Qaddisa li kien flok dak ta' San Ġużepp; il-pittur m'hux magħruf.

Kien ġie mbierek u tpoġġa f'postu fit-23 ta' Jannar 1905. Dan l-inkwadru huwa xogħol sabiħ ħafna tal-pittur Malti Giuseppe Calì (1846-1930). Calì kien pittur prolifiku u fundatur ta' l-iskola moderna ta' l-arti Maltija. Twieled il-belt Valletta fl-14 ta' Awwissu 1846, iben Raffaele u Giovanna Padiglione, u tgħammed fil-parroċċa tal-Portu Salvu fil-belt Valletta. Insibu diversi xogħlijiet Ġużeppini ta' dan il-pittur f'bosta parroċċi f'Malta u Għawdex.

L-inkwadru ta' San Ġużepp kien tpitter sitt snin qabel tpoġġa, jiġifieri fl-1899.[8] Meta tpoġġa ntgħoġob u faħħruh ħafna dilettanti ta' l-arti.[9] Fl-20 ta' Ġunju 1987 dan l-inkwadru kien ġie mnaddaf mill-artist Għawdxi u Rabti Ġużeppi Sagona.[10]

L-induratura tal-prospettiva ta' l-altar ta' San Ġużepp ġiet imbierka nhar is-Sibt 18 ta' Lulju 1987, lejlet il-festa ta' San Ġorġ, mill-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Dan ix-xogħol kien sar minn Ġużeppi Sagona. Fl-istess jum kienet ġiet imbierka l-kappella ta' Santa Katerina fejn ukoll kien sar xogħol ta' l-induratura mill-istess artist. Il-benefattur ta' l-induratura fil-kappella ta' Santa Katerina kien Dr Alexander Cachia Zammit u kienu diversi dawk li ħallsu għall-ispejjeż ta' l-induratura tal-kappella ta' San Ġużepp.[11] Dan l-aħħar, fi żmien l-arċipretura ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, kienu reġgħu ġew indurati u miżbugħa mill-ġdid il-koppletti, fosthom din ta' San Ġużepp. L-induratura kien saret minn Carmel Farrugia, iż-żebgħa minn Ġużeppi Buhagiar u l-isfumar ta' l-anġli tal-lunetti minn Joseph Cutajar Zahra.

Il-koppletta tal-kappella ta' San Ġużepp kienet saret fis-sena 1986. Kienet opra kbira li kien ilha snin twal tberren fl-imħuħ ta' bosta parruċċani. Dik is-sena kienu saru l-kwadri tal-mużajk ta' madwar in-navi tal-knisja. B'kollox inħadmu erbgħa u għoxrin kwadru fil-mużajk f'sitt koppletti. Uħud mill-kwadri jirrappreżentaw diversi episodji mill-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-Verġni Mbierka fuq l-art. Oħrajn juru x-xbihat tal-qaddisin li għalihom huma ddedikati erba' altari tal-knisja: dawk ta' San Pawl, San Ġużepp, Santa Katerina u l-arkanġlu San Mikiel. Kull xbieha fiha madwar żewġ metri kwadri. Ix-xogħol tal-mużajk inħadem l-Italja fuq disinn ta' l-artist Malti Ġużeppi Galea tar-Rabat ta' Malta. L-opra ġiet iffinanzjata prinċipalment minn George Saliba, mill-belt Victoria, benefattur kbir tal-bażilika.[12] Kienu wkoll saru xi abbozzi għall-istess koppletti mill-pittur famuż Taljan Mario Caffaro Rore (1910 2001), li kien għamel esibizzjoni fiċ ċentru parrokkjali ta' San Ġorġ fl 1990.

**L-istatwa ta' San Ġużepp**

Waħda mill-istatwi sbieħ li jinsabu fil-bażilika ta' San Ġorġ hija dik ta' San Ġużepp, statwa magħmula fil-kartapesta mill-istatwarju Għawdxi u Rabti Wistin Camilleri (1885-1979). Camilleri twieled ir-Rabat ta' Għawdex u studja fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Studja taħt Giuseppe Calì u Giuseppe Duca. Kompla l-istudji tiegħu f'Ruma fl-*Accademia di San Luca* taħt Canonica, Pizzardi, Manicini u Coppa. Wistin għandu bosta xogħlijiet sagri, kemm titulari u kemm vari tal-Ġimgħa Mqaddsa mferrxin fil-knejjes ta' Malta u Għawdex.[13] L-istatwarju Għawdxi għandu rabta kbira mal-festa esterna ta' San Ġorġ għax l-ewwel xogħlijiet tiegħu kien esponiehom f'din il-festa. Nistgħu nsemmu s-sett ta' Santi Padri (1926) fi Triq it-Tiġrija, il-lum Triq ir-Repubblika, fost oħrajn.

L-istatwa tal-Patrijarka San Ġużepp, li kienet saret fi żmien l-arċipriet Alfons Marija Hili (1917-1943), devot kbir ta' San Ġużepp hekk li daħħal fil-parroċċa d-devozzjoni ta' l-Erbgħat,[14] kienet tħallset minn Lwiġi Zammit, magħruf bħala Tal-Mardien, mir-Rabat ta' Għawdex. Kienet saret translazzjoni nhar il-15 ta' Ġunju 1924 mill-knisja ta' San Franġisk sal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. L-ewwel purċissjoni b'din l-istatwa kienet saret il-Ħadd 4 ta' Mejju 1925. Il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp kienet issir fit-tielet Ħadd wara l-Għid il-Kbir.[15] F'testment nutarili ta' Giuseppe Zammit, bin Lwiġi l-benefattur ta' l-istatwa, datat 4 ta' Frar 1951, insibu dan li ġej: Ir-raba' artiklu:

> Inħalli bħala titolu ta' legat a favur l-altar ta' San Ġużepp meqjum fil-knisja ta' San Ġorġ Marti tal-Belt Vittorja, Għawdex, id-djar Numri 38-39-40 ta' Strada Stretta, Victoria, Għawdex, sabiex mill-frutti tagħhom ta' kull sena u in perpetwu ssir il-festa ta' l-istess qaddis (San Ġużepp) bil-patt illi l-quddiesa kantata tal-festa u l-elemożina sa tliet quddisiet tat-tridu għandhom ta' kull sena u in perpetwu jitħallsu qabel kwalunkwe spiża oħra u applikati skond l-intenzjoni tiegħi.[16]

F'ħarġa tal-gazzetta *Il-Berqa* sibt programm tal-festa ta' San Ġużepp li saret fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ:

> Nhar is-Sibt 26 ta' April fis-6.45pm Għasar Solenni, *Regina Cœli*, Litanija tal-Madonna u Barka Sagramentali. Nhar il-Ħadd 27 ta' April fit-8.00am Terza, Quddiesa kantata bil-vuċijiet. Fit-3.00pm Għasar bil-mużika, Paniġierku mill-Illmu. u Revmu. Mons. Kan. Kap. Emmanuele Grech, Purċissjoni, Antifona u Barka Sagramentali. N.B. Il-funzjonijiet jagħmilhom l-Illmu. u Revmu Mons. Mikele Cefai,



L-inkwadru ta' San Ġużepp, xogħol ta' Giuseppe Calì, 1899.

Arċipriet tal-Belt Vittorja, u l-mużika tkun tas-Surmast G. Giardini Vella.[17]

Il-lum l-istatwa hija miżmuma fis-sagristija tal-bażilika u toħroġ ta' kull sena għall-qima tad-devoti fil-festa li ssirilha fid-19 ta' Marzu. Sfortunatament din l-istatwa m'għadhiex toħroġ purċissjoni. L-istatwa turi l-patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja, u jidher qed jerfa' lil ibnu Ġesù tarbija f'idu x-xellugija. Jidhru wkoll fuq ġnubu anġlu ċkejken iżomm il-ġilju kif ukoll tfalja li qed tirrappreżenta l-Knisja u li f'idha għandha xbieha ta' knisja u fl-oħra għandha salib.

Xbieha oħra ta' San Ġużepp tinsab fl-abside tal-kor, *Coronatus triumphat*. Fiċ-ċentru tidher il-Verġni Mbierka tqarreb lil San Ġorġ lejn Kristu, li qed ipoġġi kuruna fuq ras San Ġorġ. Fuq il-lemin ta' min iħares jidher San Ġużepp u fuq il-Familja Mqaddsa jidher il-Missier etern ibierek dak li qed jagħmel l-Iben.


L-istemma tax-Xirka tat-Trinitari.

**Riferenzi**

1 *Il-Belt Victoria*, Settembru-Ottubru 1991, 5.
2 Ibid, Settembru-Ottubru 1992, 8.
3 John Bezzina, *Il pittura fil-bażilika ta' San Ġorġ (Storja u tifsir)*, Malta 1965, 9.
4 Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, Vol. 2, miġjub għall-Malti minn Mons. Ġużepp Farrugia, 49.
5 Bezzina, *Il-pittura fil-bażilika ta' San Ġorġ*, 9.
6 Ibid.
7 Joseph Vella, *Teżori ta' arti bil-ġrajja tagħhom fil-bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festa San Ġorġ – Għawdex*, Lulju 1994, 62.
8 Bezzina, *Il-pittura fil-bażilika ta' San Ġorġ*, 10.
9 *Id-Devot ta' Marija*, Frar 1905.
10 Vella, *Teżori ta' arti bil-ġrajja tagħhom*, f'*Programm Festa San Ġorġ*, Lulju 1994, 62.
11 *Il-Belt Victoria*, Settembru-Ottubru 1987, 3.
12 Ibid, Marzu-April 1986, 8.
13 Michael J. Schiavone, *Dictionary of Maltese biographies*, Vol. 1 (A-F), Malta 2009, 456.
14 Mikiel Cefai, *Orazzjoni funebri b'tifħir lil Mons. Alf. M. Hili*, 3 ta' Frar 1944, Malta, 13.
15 Vella, *Teżori ta' arti bil-ġrajja tagħhom*, f'*Programm Festa San Ġorġ*, Lulju 1996, 75.
16 Artiklu 4, Testment nutarili ta' Giuseppe Zammit magħmul għand in-nutar Francesco Refalo fl-4 ta' Frar 1951, Victoria, Għawdex.
17 *Il-Berqa*.


L-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol ta' l-istatwarju Wistin Camilleri.

*jaqbad minn paġna 5*

l-munizzjon ta' l-epoka, kif ukoll persunaġġi storiċi minn dan l-assedju li fil-fatt nikkonfermawhom mis-simboli li jxiddu, bħall-kaptan tal-virga Antonio Inguanez, il-ġurat Mariano Falca, l-ambaxxatur Francesco Gatto u l-eżekutur tat-testment ta' Monroi, il-patri Franġiskan Enrico di Blasi. L-artist hu attent ħafna għall-preċiżjoni u l-kronoloġija storika, kif ukoll għad-dettalji mżewqa mit-tradizzjoni Maltija, waqt li joħloq bilanċ ħelu bejn id-drama tal-ġrajja u l-kalma ispirata mill-ħarsien tal-qaddisin protetturi. Żgur, imma, li l-ikonografija Pawlina ta' din l-arzella tagħmilha unika f'Għawdex u interessanti għall-istudju tagħna.



L-arzella, li fiha kważi tmenin figura, inkixfet f'Lulju 1956 għall-festa ta' San Ġorġ; fuq kantun li hemm impitter fiha tinsab skrizzjoni li tfakkar iż-żjara tal-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laycock fuq l-armar f'Ġunju ta' qabel, meta x-xogħol fuqha kien kważi lest. Swiet £1,000, li tħallsu mill-poplu. Taħtha naqraw il-kitba *"1429 Melitæ exercitus ductor"*, b'ilsienna "Mexxej ta' l-armata ta' Malta", sintendi b'riferenza għal San Ġorġ. Mhux l-istoriċi kollha jaqblu fuq id-data ta' meta seħħ l-assedju. Cornelio à Lapide u Rocco Pirro jsemmu l-1470, waqt li kemm A. Mifsud u R. Valentini fost oħrajn iqisu (it-23 sas-26 ta' Settembru ta') l-1429 bħala d-data t-tajba.

Fil-poema drammatika tiegħu *Il-fidwa tal-bdiewa*, ippubblikata l-ewwel darba fl-1936, il-kittieb u studjuż Għawdxi Ninu Cremona kiteb hekk fuq din il-ġrajja:

"Għaliex l-għedewwa,
bin-nar u l-ħadid kien għoddhom waqqgħu
is-swar tal-belt x'ħin dehret tħeġġeġ fuqhom
dija ta' nar li qasmet bwieb is-sema.
U d'her fuq żiemel abjad liebes l-aħmar
il-qaddis Pawlu tagħna mar-rebbieħi
Ġorġ, u bis-sejf it-tnejn tal-fidda jberrqu,
iriegħdu dehru sakemm kollha mbażżgħa
l-għedewwa nxteħtu fl-art, ixxerrdu, ħarbu,
bix-xwieni tagħhom".

LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 2



Antoine Vassallo
vasanti@maltanet.net

# Passi 'l quddiem

*jirrapporta l-*Project Leader

Fit-8 ta' Awwissu qassamt ittra-ċirkulari lir-"Rev.di membri tal-kapitlu u l-presbiterju ta' San Ġorġ Martri". Bdejtha hekk: "Waqt diskursata li kelli ma' l-Arċipriet mar-ritorn tiegħu minn Lourdes qbilna li fil-futur mhux imbiegħed issir laqgħa li matulha jiġi spjegat fid-dettall fejn qegħdin fit-twettiq tal-proġett tal-mużew. Wara li nhar il-Ħamis fi tmiem il-pontifikal ħadt l-okkażjoni biex aġġornajt lil Mons. Isqof, inħoss li sadattant jixraq navżakom b'dawn l-iżviluppi".

Ma jixraqx li nwassal xi ħaġa anki lill-parruċċani u 'l-qarrejja? Semmejtilhom il-bosta telefonati, laqgħat u dokumenti minn meta fil-15 ta' April 2009 il-*PPCD* – id-diviżjoni responsabbli fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru – kitbulna li ntgħażel il-proġett li ppreżentajnielhom, *The Making of a People*, għal mużew u ċentru kulturali. Ma qgħadtx nidħol f'dettalji, għax inkella stajt inkun nidher li qiegħed niftaħar bil-ħafna ħidma (f'kull tip ta' ħin) ta' dan il-grupp ta' voluntiera akkaniti. Iżda ma stajniex nibqgħu bid-"dilettanti" biss!

Fil-fatt fil-proposta tagħna konna inkludejna mhux biss it-tqabbid ta', ngħidu aħna, inġinier, imma anki żewġ karigi partikulari: *project manager* u *project supervisor* biex bażikament jaraw li nimxu għal kollox mar-regoli u proċeduri li marbutin bihom. Dawn it-tip ta' fondi mill-Unjoni Ewropea – fil-każ tagħna l-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali* taħt l-*Assi ta' Prijorità 2* tal-*Programm Operattiv I* (b'total, inklużi flus nazzjonali, ta' 85%) – jistgħu jidhru sbieħ u attraenti; fil-fatt tissogra li titlifhom – jew saħansitra li jintalbulek lura – jekk "tiżgarra" (ngħidu aħna billi ma jkollokx id-dokumentazzjoni kollha u fil-ħin)! Kien hemm interess mhux ħażin għall-avviż li għamilna; il-bord fela l-applikazzjonijiet (anki minn barra minn pajjiżna) u sejjaħ għall-*interviews*. Bħala *manager* għażilna lil George Papagiorcopulo; ma naħsibx li stajna nsibu persuna aħjar: kwalifikat u b'esperjenza qawwija. F'dawn il-ftit ġimgħat li ilna nafuh wera anki kemm hu bniedem prattiku, u mħeġġeġ! Kemm hu u kemm il-*project supervisor* bdew mill-ewwel ħidmithom f' Awwissu stess.

Minn barra ma tantx jidher li qiegħed isir: għad fadlilna diskussjonijiet u mili ta' formli: kollox bil-għaqal, biex ma nintebhux meta jkun tard wisq li ħarbilna xi dettall importanti. B'mod partikulari nsemmi li qegħdin naħsbu għat-*tenders* u għall-pubbliċità. Pass 'il quddiem iktar apparenti hu s-*site office*: uffiċċju għall-*Fondazzjoni Belt Victoria* biex, fost skopijiet oħra, jinżammu l-*files*. Diġà konna akkwistajna kompjuters rikundizzjonati fl-iskema *PC4NGOs* ta' l-*Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni*; bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' Mons. Cardona għandna post ideali. Il-mużew m'hux sa jkun ferm 'il bogħod mill-bini tar-radju; għalkemm kien hemm xi ideat fuq l-użu tas-sular ta' taħt l-istudjows ta' *Leħen il-Belt Victoria*, kien donnu ntelaq; b'hekk sa jkomplu joktru – u jvarjaw – l-attivitajiet f'dan iċ-ċentru.

Għal din il-ħarġa nieqaf hawn: ma rridx nieħu iktar spazju; iżda darb'oħra rrid nagħti ħarsa lejn id-diversi kumitati li waqqafna biex din il-"ħolma" verament titwettaq. Sadattant inħeġġiġkom issegwu s-sensiela radjofonika fuq *Leħen il-Belt Victoria* u tkunu lesti biex tilqgħu s-sejħat li jsirulkom!

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

## *Nifirħu lil...*

- Dr Jo-Etienne Abela MD (Malta), MRCS (Edin) li f'Marzu 2009 ġie elett b'eżami fellow (FRCS) tar-*Royal College of Surgeons* ta' Edinburgh. Dr Abela jaħdem bħala kirurgu fil-*Glasgow Royal Infirmary* ta' l-Iskozja.
- Membri ġodda tal-kunsill lokali tal-belt Victoria eletti fl-aħħar elezzjoni tas-6 ta' Ġunju 2009: is-sindku Dr Samuel Azzopardi, Robert Tabone, Marċell Tabone, Dr Michael Portelli, Joe Debrincat, Michael Buttigieg, Josef Schembri, u Carmel Theuma li ġie elett biex jieħu post Robert Tabone li rriżenja minħabba xogħol ieħor.
- Tmien membri tal-kapitlu Ġorġjan li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju 2009, fil-bażilika tagħna, ingħataw il-ħatra ta' dinjitajiet, uffiċċji u pożizzjonijiet ġodda fi ħdan l-istess kapitlu; u Dun Emanuel Buttigieg, ċerimonier tal-kapitlu, li ġie maħtur kanonku effettiv tal-kolleġġjata.
- Prof. Mro Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-bażilika ta' San Ġorġ u surmast direttur tas-*Soċjetà Filarmonika La Stella*, li f'Lulju 2009 ġie magħżul bħala kompożitur residenti ta' l-*Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta*.
- Dr Maria Frendo, leader tal-kor *Laudate Pueri* tal-bażilika ta' San Ġorġ, li f'Lulju 2009 ġiet maħtura *deputy chairperson* ta' l-*Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta*.



# FESTA SAN

## ĦARSA LEJN IL-

**Għal sena oħra, il-ħannieqa ta' organizzazzjoni bejn il-bażilika ta' San Ġorġ u s-Soċjetà Filarmonika *La* u li jagħtu xhieda eminenti ta' mħabba singulari li hemm fil-qalb tal-Ġorġjani lejn San Ġorġ. Diffiċli ssib fe għażlet li tqalleb ftit il-paġni ta' l-aħħar festa biex issib kapitli ġodda li, mal-qodma u l-qodma nett, taw**

### DISA' ĦAMISIJIET TA' KATEKEŻI ĠORĠJANA

Id-disa' Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa ta' San Ġorġ din is-sena ngħataw dimensjoni kateketika maħsuba b'mod speċjali għat-tfal u l-adoloxxenti. Saċerdoti differenti mill-parroċċa wasslu fil-ħin ta' l-omelija tagħlim fuq il-ħajja ta' San Ġorġ. Lit-tfal tqassmitilhom karta b'dan it-tagħlim, u ġelat ukoll!



### KTIEB-PROGRAMM TAL-F GĦALL-EWWEL DARBA B

Għall-ewwel darba fl-istorja ta marbuta mal-festi Għawdxin, is-S ħarġet il-ktieb-programm tal-festa tiegħu, b'sistema ta' *perfect bin* l-kwalità ta' din il-pubblikazzjoni relazzjonijiet pubbliċi fi ħdan l-iste ma' l-uffiċċju parrokkjali tal-bażilik għoli ħafna u mfittex minn bosta q






### TAĦDITA PUBBLIKA FUQ IT-TEŻORI TAL-BAŻILIKA

Il-*Victoria International Arts Festival*, issa fit-tnax-il edizzjoni tiegħu, kellu bħas-soltu kalendarju ma jaqta' xejn ta' kunċerti u attivitajiet kulturali oħra mifruxa fuq ħames ġimgħat sħaħ. Fost l-appuntamenti ġodda, imħallta hekk tajjeb ma' dawk "residenti" bħalma hu l-kunċert finali grandjuż li din is-sena tana xogħlijiet ta' Faurè u Vella, din id-darba kien jinkludi taħdita bl-Ingliż mill-artist u kritiku ta' l-arti Mark Sagona fuq it-teżori ta' l-arti fil-bażilika ta' San Ġorġ: *Art in Malta in the Treasures of St George's Basilica: 1650-1950*, is-Sibt 20 ta' Ġunju 2009. Tassew interessanti!

### ĊELEBRAZZJONI UNIKA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Iż-żgħażagħ tal-parroċċa, li s-sehem tagħhom fil-festi esterni m'hemmx bżonn li wieħed jikkummenta fuqu, ingabru għall-appuntament annwali tagħhom madwar ix-xbieha titulari ta' San Ġorġ fiċ-*Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* t-Tlieta tal-festa eżatt wara l-ħruġ min-niċċa. Id-djaknu Noel Debono mexxa ċ-ċelebrazzjoni, organizzata mill-grupp *23four>>*, li fi tmiemha tqassmet tifkira lil dawk preżenti fl-għamla ta' "kantun" żgħir tal-franka b'rabta mat-tema tal-laqgħa ta' talb, kant u riflessjoni: *"Ibni darek fuq il-blat" (Mt 7:24)*.






### PROGRAMM TAL-FESTA F'IKTAR MINN GĦAMLA WAĦDA

L-uffiċċju parrokkjali ħa ħsieb bħal kull sena li jipproduċi l-programm tal-festa, ippubblikat f'forma ta' ktejjeb ċkejken – din is-sena ftit aktar tard mis-soltu –, imma wkoll fuq il-websajt tal-parroċċa bl-Ingliż ukoll. Din is-sena għall-ewwel darba ġiet stampata wkoll kopja tal-programm imqassar f'daqs kbir (100 b'175ċm) u mwaħħla fi Triq il-Karità biex tkun aċċessibbli għal kulħadd. F'dak li hu kontenut tal-programm sar ukoll xogħol fuq appuntamenti ġodda, fost l-oħrajn ir-ri-introduzzjoni tal-marċ ta' qabel il-pontifikal ta' jum il-festa li kien inqata' fl-aħħar snin: dan ġie fdat f'idejn il-banda *Ite ad Joseph* tal-Qala. L-uffiċċju parrokkjali stampa wkoll żewġ *banners* kbar tal-kulur li laqgħu lil min daħal fiċ-ċentru parrokkjali fil-jiem tal-festa.

# ĠORĠ 2009
## DID FIL-QADIM






**ella ħalliet il-frott ta' festa oħra kbira f'ġieħ il-patrun ta' Għawdex San Ġorġ. Festi eżemplari f'kull sens, oħra f'Għawdex u f'Malta fejn din l-imħabba tispikka b'mod daqshekk ġenwin. *Il-Belt Victoria* din is-sena ulur uniku u innovattiv lill-aktar festa popolari tal-gżira. Tabilħaqq, sewwa ntqal: *"Quis similis tui?"*...**

### TA
### *ERFECT BINDING*

bblikazzjonijiet annwali
età Filarmonika *La Stella*
ħha, issa fil-35 edizzjoni
g. Dan issokta jgħolli
nħejjija mill-uffiċċju tar-
soċjetà f'kollaborazzjoni
jkollha kontenut ta' livell
ejja u kollezzjonisti.




### *JIGSAW PUZZLE*

Lit-tfal kollha li attendew għan-Novena tqassmitilhom *jigsaw puzzle*, maħduma apposta għal din is-sena, bi stampa ta' l-arzella tal-kor tal-bażilika li turi l-Glorja ta' San Ġorġ fis-Sema, pittura ta' Gian Battista Conti. Kull ġurnata tan-Novena lit-tfal kien jingħatalhom timbru li kien jintitolahom għal kopja b'xejn ta' din il-*jigsaw puzzle*, waqt li min ried seta' wkoll jixtri kopja mill-uffiċċju parrokkjali, li ħa ħsieb joħroġ b'din l-inizjattiva ġdida.

### ONLINE VIDEO STREAMING

L-emigranti u dawk li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux joħorġu minn darhom għall-festa din is-sena kellhom opportunità aqwa biex isegwu l-appuntamenti prinċipali tal-ġimgħa tal-festa permezz tas-servizz ta' *online video streaming* minn fuq il-websajt parrokkjali. *Leħen il-Belt Victoria* ilu żmien twil jagħti servizz ta' *audio streaming* mill-websajt tiegħu, imma l-uffiċċju parrokkjali ħa ħsieb li din is-sena jiżdied ukoll servizz ta' *video streaming*, b'*camera* fil-bażilika u oħra fi Pjazza San Ġorġ. Is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna u ġibed lejn il-websajt ammont kbir ta' viżitaturi, hekk li f'nofs il-ġimgħa tal-festa s-Soċjetà *La Stella* stallat servizz simili wkoll fuq il-websajt uffiċjali tagħha.





### *FEATURE* TA' TAGĦLIM FI TMIEM DIMOSTRAZZJONI

Xi ħaġa ġdida fil-festi ta' barra kienet l-inizjattiva li ħadet l-Għaqda ta' l-Armar tal-Festa fi ħdan is-Soċjetà *La Stella*, li tintroduċi *feature* fuq il-kult ta' San Ġorġ fi tmiem id-dimostrazzjoni tal-Ħamis tal-festa bl-istatwa ġdida ta' San Ġorġ Patrun ta' Għawdex. L-istatwa, xogħol Michael Camilleri Cauchi, issa hi lesta minn kollox, u ġiet imtellgħa fuq il-pedestall tagħha fi Pjazza Savina wara li ttella' dan il-*feature* qasir ta' għaxar minuti b'ritratti mid-dinja kollha li jixhdu għall-kult mifrux tal-martri San Ġorġ u filmati marbuta mal-bażilika Ġorġjana f'Għawdex u l-festa f'ġieħ il-qaddis patrun tal-gżira f'Lulju ta' kull sena. It-tagħlim ta' dan il-*feature* ikkumplimenta b'mod sabiħ l-omeliji tal predikatur tat-Tridu, Mons. Carmelo Refalo, li wkoll tana Tridu "innovattiv", fis-sens li ħareġ mill-ħażna ta' l-għerf tiegħu tagħlim mill-isbaħ fuq San Ġorġ. L-Għaqda ta' l-Armar din is-sena wkoll kompliet iżżanżan opri ġodda li jżejnu t-toroq ta' beltna għall-aqwa festa tal-gżira.

### ĠUBLEW TAL-FIDDA TA' MONS. ALFRED XUEREB

Din is-sena l-parroċċa ferħet fil-25 anniversarju presbiterali ta' tnejn minn uliedha: Mons. Alfred Xuereb, il-lum wieħed miż-żewġ assistenti personali tal-Q.T. il-Papa Benedittu XV, u l-Kan. Dr Joe Zammit, il-lum arċipriet tal-parroċċa tal-Qala. Il-Ħadd 12 ta' Lulju 2009, fil-11.00am, Mons. Xuereb mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr tal-ġublew tal-fidda tiegħu. L-isqof emeritu ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi għamillu l-omelija, waqt li kienu preżenti wkoll l-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech u n-nunzju appostoliku f'Malta Mons. Tommaso Caputo. Fi tmiem il-Quddiesa Mons. Xuereb ta lill-bażilika pjaneta bl-arma tal-Papa, waqt li l-Arċipriet ippreżentalu d-dekorazzjoni tal-kapitlu.



# Il-"preistorja" ta' *Leħen il-Belt Victoria*

**Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009 fakkarna l-għaxar snin mill-ftuħ uffiċjali ta' l-istazzjon tar-radju tal-parroċċa ta' San Ġorġ, *Leħen il-Belt Victoria*. Fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju *Dun Effie Masini*, kap tal-programmi, imur lura lejn l-għeruq u l-bidu ta' l-istazzjon.**

Kull "storja" għandha l-"preistorja" tagħha. Anki l-istorja ta' *Leħen il-Belt Victoria*. Għal min bħali kien involut sa minn qabel ma twieled l-istazzjon, il-lum forsi niskantaw minn xiex għaddejna. Imma għall-ġieħ ta' l-istorja tajjeb li aħna li konna involuti nippruvaw indommu l-ġrajjiet marbuta ma' l-istazzjon tagħna li ra d-dawl nhar it-3 ta' Lulju 1999. Bit-tama li 'l quddiem għad tinkiteb l-istorja sħiħa u eżatta ta' l-istazzjon, għal-lum xtaqt nagħti ftit hjiel tal-"preistorja" tiegħu.


BROADCASTING AUTHORITY — MALTA — L-AWTORITA' TAX-XANDIR

Mr George Gauci
c/o St George's Parish Basilica
St George's Square
Victoria
Gozo

7 ta' Lulju, 1999
Ref 32/99

Għażiż Sur Gauci,

***Leħen il-Belt Vittoria***

Nirreferi għall-applikazzjoni tiegħek għal liċenzja tax-xandir bir-radju fil-komunita' ta' madwar ir-Rabat, Għawdex.

Qiegħed nibgħatlek kopja tal-liċenzja li ngħatat mill-Awtorita' b'effett mil-lum u li, wara konsultazzjoni ma' Fr Effie Masini, għandha tkopri l-perjodu sat 18 ta Lulju, 1999.

Il-liċenzja qed tingħata bil-kundizzjonijiet kollha kif jidhru fid-dokument mehmuż u partikolarment li:

1) It-trasmissjonijiet minn dan l-istazzjon isiru biss fuq il-frekwenza 104 MHz;

2) It-trasmissjonijiet ma jkunux b'qawwa ta' aktar minn 2 Watts; u

3) l-għoli ta' l-antenna mill-art ma jkunx aktar minn 20 metru.

Filwaqt li nawguralkom kull suċċess fix-xandir permezz ta' dan l-istazzjon ġdid, infakkrek li dritt ta' Lm50 għandu jitħallas lill-Awtorita' tax-Xandir mill-aktar fis possibbli.

Dejjem tiegħek,

Antoine J Ellul
Chief Executive

Mile End Road, HAMRUN HMR 02, Malta. Tel: (+356) 247908 Fax: (+356) 240855

L-ewwel liċenzja għax-xandir ta' *Leħen il-Belt Victoria*, mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir.

Naturalment kollox beda mad-dħul tal-pluraliżmu fix-xandir Malti bl-Att XII ta' l-1991. Bis-saħħa ta' dik il-liġi mis-sajf ta' dik is-sena bdew jitwieldu l-ewwel stazzjonijiet privati tax-xandir f'pajjiżna li bdew ixandru fuq bażi nazzjonali. Imma l-istess liġi bdiet tagħti wkoll il-possibbiltà li jinħarġu liċenzji għal xandir fuq livell lokali, u dan kemm b'mod temporanju (għal xahar) u kemm b'mod permanenti jew semi-permanenti (sena jew sentejn).

Mad-dħul tal-pluraliżmu tax-xandir f'Malta anki f'Għawdex beda jitqanqal ċertu interess fix-xandir lokali. Issa kien hemm iktar ċans li jkollna Għawdxin bħalna li jġibu ruħhom involuti fix-xandir f'pajjiżna. Bl-akkwist ta' frekwenza nazzjonali għax-xandir bir-radju mill-Knisja f'pajjiżna twieled l-istazzjon *RTK*. Il-Knisja Għawdxija kienet involuta fih mill-bidu nett tiegħu, u minbarra spazju għal xandir fuq bażi nazzjonali fuq din il-frekwenza l-Knisja f'Għawdex għażlet li jkollha post li jiffaċilita dan ix-xandir. B'hekk twieled il-*Lumen Christi Media Centre* fi Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, fl-1992.

Madankollu għal diversi raġunijiet l-għarbiel għal preżentaturi u *producers* Għawdxin kien fin wisq, u l-ftit kienu jgħaddu minnu biex jaslu fuq il-frekwenza nazzjonali tal-Knisja! Min-naħa l-oħra ħafna istituzzjonijiet, parroċċi u għaqdiet li kienu taw anki l-kontribut finanzjarju tagħhom biex seta' jibda jittrasmetti l-istazzjon tal-Knisja ħassew li ma kienu qed jieħdu xejn lura għal dak li għamlu. Oħrajn xtaqu li bħalma kien jagħmel ir-*Rediffusion* fis-snin l-imgħoddija issa wkoll l-*RTK* jagħti spazju u jxandar il-festi parrokkjali jew okkażjonijiet oħra speċjali direttament mill-parroċċi. Fil-fatt, għalkemm inbdew xi programmi f'dan is-sens, kien hemm xewqa għal iktar spazju fil-qasam tax-xandir. Dan kollu wassal biex bdew jitwieldu l-ewwel radjijiet tal-komunità bbażati fil-parroċċi ta' Għawdex. L-ewwel radjijiet lokali kienu marbuta ma' liċenzji temporanji għal xandir ta' tletin ġurnata fi żmien ta' festa.

Fuq nota personali nixtieq ngħid li jien fil-bidu ma tantx kont favur li jinbtu dawn ir-radjijiet lokali għal diversi raġunijiet, fosthom għax jien xtaqt li jingħata aktar spazju għal Għawdex u l-Għawdxin fuq frekwenzi nazzjonali milħuqa minn Malta u Għawdex kollha. Barra minn hekk jien kont aktar favur li jkollna frekwenza lokali waħda f'Għawdex fuq bażi reġjonali li tkun ibbażata fil-*Media Centre* tal-Knisja, u minn hemm jingħata servizz sħiħ lil Għawdex b'użu aktar għaqli tar-riżorsi, kemm umani u kemm finanzjarji, li għandna f'Għawdex. Ma' din l-idea kien hemm marbut il-ħsieb li jkun ipprovdut taħriġ teoriku u prattiku lil kull min joffri li jkun ta' servizz lill-Knisja lokali permezz ta' dan ix-xandir.

L-idea ta' frekwenza reġjonali ma setgħetx titwettaq, kemm minħabba li ma kienx hemm (u għad m'hemmx sal-lum!) leġislazzjoni fuqha, u kemm minħabba ċerti interessi lokali, li fl-opinjoni tiegħi huma pjuttost interessi dojoq ta' egoiżmu u fanatiżmu, preżenti f'kull rokna ta' gżira żgħira bħalma hi gżiritna. Imma l-idea tat-taħriġ teoriku u prattiku sabet appoġġ anki mill-isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Diġà fis-snin anki ta' qabel l-introduzzjoni tal-pluraliżmu tax-xandir f'Malta, fil-kors ta' formazzjoni tas-seminaristi tad-djoċesi ta' Għawdex kien daħal kors fuq il-media. Imma fil-bidu tas-snin disgħin


IL-BELT VICTORIA — Lulju-Awwissu 1999

Editorjal

HAREĠ REBBIEĦ BIEX JIRBAĦ

RADJU TAL-PARROĊĊA

IR-RADJU TAL-KOMUNITÀ LEĦEN IL-BELT VICTORIA 104 FM STEREO

VIVA SAN ĠORĠ MARTRI

Il-perjodiku parrokkjali *Il-Belt Victoria* ta' Lulju-Awwissu 1999 iħabbar it-twaqqif ta' *LBV* f'paġna 2.


"Leħen il-Belt Victoria" 104 FM Stereo

Skeda tal-programmi bejn it-3 u l-10 ta' Lulju 1999

Numru tat-telefon għal waqt xandiriet diretti: 56 52 07

Is-Sibt 3 ta' Lulju

5.00p.m. Inawgurazzjoni ta' l-Istazzjon

6.00p.m. Trasmissjoni mill-Bażilika

7.00p.m. "Eko mil-Leħen"

7.30p.m. "F'Inżul ix-Xemx"

9.00p.m. Rużarju

Il-Ħadd 4 ta' Lulju

12.00p.m. Angelus

5.30p.m. "Il-Familja"

7.30p.m. "F'Inżul ix-Xemx"

L-ewwel skeda.

dan il-kors ġie rriformat b'tali mod li jagħti taħriġ anki prattiku lis-seminaristi f'diversi oqsma tal-media. Sas-sena 1996 dan il-kors, li kien jingħata għal tul ta' semestru kull tliet snin, kien ristrett biss għas-seminaristi.

Ix-xoqqa f'moxtha ġiet fis-sena skolastika 1998-1999, meta kien hemm biss seminarista wieħed eliġibbli biex jagħmel dan il-kors. Għalhekk kont ressaqt talba lill-Isqof, lis-superjuri tas-seminarju u lid-diriġenti tal-Lumen Christi Media Centre biex għal dik is-sena, bħala esperiment, il-kors fil-media jsir fil-għaxija u jkun miftuħ għas-saċerdoti u l-lajċi. Din it-talba ntlaqgħet u kienu mistiedna jattendu lajċi minn Għawdex kollu li kienu diġà involuti jew kienu jixtiequ jinvolvu ruħhom fil-qasam tax-xandir. Il-kors kellu jintemm billi kull student seta' jieħu diploma billi jippreżenta xogħol prattiku u jagħmel eżami.

Mill-parroċċa ta' San Ġorġ kienu diversi dawk li nkitbu biex isegwu dan il-kors, fosthom l-arċipriet emeritu Mons. Salv Borg (li dak iż-żmien kien involut ukoll miegħi fi programm ta' kull ġimgħa fiq l-*RTK*), Marija Zammit Borg, Antoine Vassallo, Josette Vassallo u Mariella Spiteri. L-entużjażmu u l-interess li kienu juru dawn l-istudenti fil-kors kien jagħmel kuraġġ lil kull min kien involut fil-qasam tal-media f'dak iż-żmien.

F'din il-"preistorja" ma nistax ma nsemmix lil George Cremona, dak iż-żmien student fis-seminarju minuri. George kien iħobb isegwi diversi stazzjonijiet fuq ir-radju, imma speċjalment l-*RTK*. Kien iħobb jiġi fil-*Lumen Christi Media Centre* kull meta kien ikollna xi programm minn Għawdex jew anki sempliċiment *recordings*. In-namra tiegħu għar-radju kienet twasslu biex "iġenninni" anki waqt brejks fl-iskola biex nifthu radju biex jieħu sehem fih hu. Imma nistqarr li ftit kont nagħti widen għal dak li kien jgħidli, l-iktar għar-raġunijiet li semmejt aktar 'il fuq. Imma inzerta li dik is-sena meta l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia ħareġ ibierek dan inzerta lil George Cremona d-dar, u dan semmielu l-idea li San Ġorġ ukoll ikollu radju bħalma kellhom radju diversi parroċċi oħra, anki f'Għawdex.

Ftit tal-ġranet wara l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia kien is-seminarju u resaq ikellimni fuq din l-idea. Staqsieni l-opinjoni tiegħi u jekk naħsibx li għandna riżorsi biżżejjed biex nidħlu għal dan l-impenn almenu għal żmien il-festa ta' San Ġorġ. Minkejja r-riservi tiegħi tal-bidu, anki fid-dawl tal-kors li kont għadni kemm mexxejt, kont naf li fil-parroċċa ta' San Ġorġ riżorsi umani kellna biżżejjed, kemm fuq livell ta' *producers*, kittieba u preżentaturi, u kemm fuq livell tekniku. Identifikajna n-nies li setgħu jidħlu għal dan is-servizz, fosthom lil Victor Attard u Ġorġ Gauci fuq livell tekniku, lil dawk li kienu diġà involuti fi programmi fuq livell nazzjonali fid-diversi stazzjonijiet tax-xandir, fosthom il-Kan. Joe Mejlak u l-Kav. Joe M. Attard, kif ukoll lil dawk li kienu għadhom kemm itemmu l-kors fil-media. X'ħin dawn il-persuni kienu kkuntattjati u rajna li stajna norbtu fuq nukleu tajjeb fl-eventwalità li jitwaqqaf stazzjon tar-radju, l-Arċipriet laqqa' lill-presbiterju parrokkjali u lill-kunsill parrokkjali biex jisma' l-parir tagħhom.

Dan il-proċess wassal biex lejn l-aħħar ta' Mejju 1999 ittieħdet id-deċiżjoni definittiva u twaqqaf kumitat proviżorju biex għall-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena l-parroċċa ta' San Ġorġ kellha tidħol għal impenn ġdid fl-istorja tagħha: impenn radjufoniku li jġib l-isem ta' *Leħen il-Belt Victoria*. Imma fuq il-ħidma li saret fl-aħħar xahar sakemm twieled l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria* u aktar fuq l-istorja tiegħu forsi jkun il-lok li wieħed jikteb aktar 'il quddiem.


Bażilika Proto-Parrokkjali San...

"Leħen il-Belt Victoria"

Bi pjaċir ngħarrafkom li dalwaqt il-Parroċċa tagħna se jkollha r-radju tagħha: Leħen il-Belt Victoria, li se jxandar fuq il-frekwenza FM 104. L-inizjattiva tnisslet fost iż-żgħażagħ u sabet l-appoġġ ta' saċerdoti u lajċi adulti u fuq kollox ta' Dun Effie Masini li lkoll nafu kemm hu midħla tax-xandir u mogħni b'talenti f'dan il-qasam. Il-parti teknika qed jieħu ħsiebha Victor Attard tal-Media Centre, dan ukoll membru tal-Parroċċa tagħna, bil-kollaborazzjoni ta' oħrajn. Il-programmazzjoni qegħda f'idejn Fr. Masini.
"Leħen il-Belt Victoria" jibda jxandar bi prova fl-1 ta' Lulju minn studio proviżorju fi Pjazza San Ġorġ. 'Il quddiem nisperaw li jkollna "double-studio" permanenti mgħammar tajjeb ħafna.
Aktar 'il quddiem inxandru l-iskeda ta' programmi għall-ġimgħa tal-festa. Se jkollna programmi reliġjużi, kulturali, rikreattivi, mużikali u oħrajn. Għall-benefiċċju tal-morda u l-anzjani li ma jistgħux se nxandru bosta mill-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-bażilika. Jiena ċert li ... pjaċir jingħaqdu magħna fil-jiem tal-festa kbira li ġejja.

L-ARĊIPR...

**Novena ta' San Ġorġ għall-familja kollha**
L-għaqda teatrali Astra taħt id-direzzjoni tas-Sur Ġorġ Mizzi ... preżenta: Il-ħajja ta' San Ġorġ f'disa' episodji drammatizzati ... Mons. Salv Borg. Se jingħataw bosta rigali lit-tfal. Mis-Sibt, 3 ta' ... sal-Ħadd 11 ta' Lulju.

AVVIŻI:
01.07.99 It-tnejn Ħamis: Fis- 6.25pm Għasar kantat ma' l-ass...
Il-Ħamis Fis- 7.00pm Quddiesa bl- omelija mill- W. Rev. P. ...
George Attard OFM Konv.

Lestejna l-ġbir għall-Festa ta' ġewwa mid-djar. Mama t-t... imma mhux lil kulħadd sibna. Min għadu ma tax l-offerta ... tagħtha lill-Arċipriet jew tħalliha fl-Uffiċċju Parrokkjali. Kull ... żgħira, tkun apprezzata ħafna.

L-Arċipriet iħabbar l-ftuħ tar-radju fuq il-bulettin parrokkjali.



L-ewwel minuti tal-kumitat responsabbli mit-twaqqif tar-radju, miktuba minn George Gauci.



Ix-xandira storika tal-ftuħ, is-Sibt 3 ta' Lulju 1999.



Wieħed mill-ewwel festini fi Pjazza San Ġorġ.

# Soru tal-Karità mill-parroċċa tagħna tagħlaq mitt sena

*tirrakkonta Maria Grech*



Swor Lidia Formosa, soru tal-Karità mill-parroċċa ta' San Ġorġ, din is-sena qed tagħlaq mitt sena. Twieldet il-belt Victoria f'Marzu 1909 u hija t-tielet waħda minn tmien ulied. Irċiviet il-Magħmudija fit-13 ta' dak ix-xahar fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, minn idejn l-arċipriet Feliċ Refalo, fejn tawha l-ismijiet ta' Ġużeppa, Grazjulla u Marjanna. Ta' tnejn u għoxrin sena daħlet soru tal-Karità, fejn diġà kellha oħtha qabilha, Swor Angela Maria, li m'għadhiex magħna.

Swor Lidia ħadmet bħala ners f'diversi sptarijiet: l-iktar żmien li qattgħet kien ma' l-anzjani fl-isptar *San Vinċenz de Paul*. Fi żmien il-Gwerra nsibuha taħdem qalb il-feruti fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana. Hija dejjem qdiet dmirha sewwa, b'imħabba u b'karità ma' min kien qiegħed ibati. Meta irtirat mix-xogħol hija marret fid-dar ta' l-anzjani *Villa Maria S.sma Annunziata* f'Ħal Balzan, fejn għadha sal-lum. Hawnhekk ukoll tat sehemha ma' ħutha s-sorijiet li kienu iktar batuti minnha.

Nhar l-14 ta' Marzu 2009 il-komunità tas-sorijiet għamlulha festa f'għeluq sninha. Fis-6.00pm fil-knisja ta' l-istess sorijiet ġiet ikkonċelebrata Quddiesa ta' radd il-ħajr, immexxija minn Mons. Lawrence Gatt, u bis-sehem ta' Mons. Carmelo Cefai, ħabib tal-familja, u żewġ qassisin oħra. L-arċipriet ta' San Ġorġ Mons. Pawlu Cardona, u wkoll l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, ma setgħux jattendu imma t-tnejn bagħtulha messaġġ għal din l-okkażjoni unika. In-neputijiet tagħha li marru minn Għawdex mal-familji tagħhom, u żewġ neputijiet li ġew minn Ruma, Gino u Anna, ilkoll ħadu sehem fil-Quddiesa. Wara sar riċiviment fl-istess lokal.

Għal din l-okkażjoni attendew is-segretarju parlamentari Jason Azzopardi, is-sindku ta' Ħal Balzan John Zammit Montebello, u s-sinjura Rose Galea, mart is-segretarju parlamentari Mario Galea. Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi ma setax jattendi, imma xorta bagħtilha l-awgurji tiegħu flimkien ma' rigal sabiħ bħala tifkira.

Nifirħu ma' Sr Lidia, wild il-parroċċa tagħna, f'din l-okkażjoni ħelwa li tħeġġiġna nitolbu għal vokazzjonijiet reliġjużi femminili mill-komunità parrokkjali tagħna!



Isem Ġużeppa Formosa fuq ir-Reġistru tal-Magħmudijiet tal-parroċċa.



LOURDES 2009

Qaddisin "Ġorġjani" 22
RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# Sant'Indrija ta' Kreta
## (tifkira liturġika fl-4 ta' Lulju)




Dan l-isqof għaref twieled f'Damasku fin-nofs tas-seba' seklu. Jingħad li kien mutu u beda jitkellem b'miraklu meta tqarben ta' seba' snin; dan ħeġġu għall-istudju tal-Kotba Mqaddsa. Ta' ħmistax, waqt żjara Ġerusalemm, iddeċieda li jibqa' hemm bħala patri fil-monasteru ta' San Sava (u allura ġieli ssejjaħ "ta' Ġerusalemm"). Bilfors li impressjona għax fis-sena 685 il-Patrijarka bagħtu bħala delegat tiegħu fis-sitt konċilju ekumeniku (Kostantinopli III) biex juża d-duttrina ortodossa għall-kundanna ta' l-ereżija Monoteista (li tgħid li Ġesù kellu rieda divina biss). Ħa fama għall-ħajja axxetika u l-moħħ imdawwal tiegħu. Indrija ġie ordnat djaknu u tawh li jmexxi djar għall-orfni u għall-anzjani. Xi dokumenti jirriferu għalih ukollbħalaresponsabblimill-knisja ddedikata lill-Għerf Divin (il-*Hagia Sophia)* fil kapitali imperjali. Sas sena 700 kien inħatar arċisqof tas-sede metropolita tal-gżira ta' Kreta: id-djoċesi ta' Ġortina jew Gortineia. Kien ferm maħbub; fost id-deskrizzjonijiet tiegħu nsibu: "Kliem ta' l-għasel kien joħroġ minn xofftejh u ħadd li kien jisimgħu jew iħares lejn wiċċu ma seta' jibqa' ma jiġġeddidx!". It-talb tiegħu kien tant qawwi li anki seħħew mirakli u għeġubijiet, fosthom it-tkeċċija tas-Saraċini mill-gżira.

Waslulna xi ħamsin priedka tiegħu li tant kien imfaħħar għalihom: mimlijin duttrina, teoloġija, kwotazzjonijiet bibliċi, immaġinazzjoni poetika, retorika u frażijiet armonjużi. Ma jistax ma jkunx fil-lista ta' l-aqwa oraturi ta' żmienu! Jingħad li l-omeliji Marjani, li fihom lil Marija jfaħħarha bħala Immakulata u Assunta, għenu lil Piju IX u XII lejn id-dommi. Fost il-paneġierki tal-qaddisin u għal festi oħra ta' min isemmi anki wieħed magħruf sewwa għal jum San Ġorġ. Dan sintendi wassal biex lil Sant'Indrija nsibuh fost l-għorrief li pittrilna l-Professur Conti madwar it-twieqi tal-bażilika tagħna: għar-riħ tal-kappella ta' San Pawl ("*Andrea Cretese*"). Hemm min jisħaq li l-istorja tad-dragun żviluppat minn interpretazzjoni żbaljata fi żmien il-Kruċjati ta' kwotazzjoni li juża f'din il-priedka: il-versett sitta tas-Salm 124 ("Imbierek il-Mulej li ma telaqniex priża għal snienhom"). Ovvjament irid jenfasizza l-ġlieda kontra l-ħażen bl-għajnuna divina, b'eżempju għall-Insara ta' kull żmien! Hawn m'hawnx spazju biżżejjed; allura kemm nipproponi proġett: traduzzjoni għal ilsienna ta' opri bħal dawn, qodma iżda rilevanti dejjem.

Minħabba l-oriġinalità fil-metrika u l-mużika ta' l-innijiet li kkompona (għadhom ikantawhom sal-lum), it-tradizzjoni tgħoddu bħala l-inventur ta' aspetti tal-liturġija Biżantina; faħħruh bħala "kewkba tlellex" għall-ħsibijiet għoljin fl-istil tiegħu. L-istudjużi sabulu 'l fuq minn mitt *hirmos* differenti: l-istrofi li fuqhom jinbnew ta' warajhom fl-istruttura metrika. Antifona f'ġieħu tiddeskrivih bħala "glorja ta' Missirijiet il-Knisja li, imdawwal mill-Ispirtu s-Santu, ħriġt ixxandar innijiet ta' grazzja u kliem għas-salvazzjoni".

L-iprem minn xogħlu hu l-"*kanon* penitenzjali l-kbir": mitejn u ħamsin strofa (*troparia*) għar-Randan deskritti bħala "opra monumentali miktuba għall-meditazzjoni personali tiegħu". *Kanon* hu innu liturġiku fit-tradizzjoni Ortodossa (maqsum f'partijiet jew odi) u dan jgħodduh bħala dak li l-iktar fih spjegazzjonijiet mistiċi mill-Iskrittura kollha: donnu jagħti dawra sħiħa maż-żewġ Testmenti. Jimpressjonaw kemm is-sens ta' umiltà u tama, u kemm dossoloġiji għoljin Trinitarji. Fil-fatt dan il-*kanon* hu miktub fil-forma ta' djalogu bejn il-qaddis u ruħu: sejħa mħeġġa għall-konverżjoni, b'riferenza kontinwa għall-ħniena ta' Alla mal-midneb. Allura hemm mijiet ta' eżempji mill-Bibbja li għandhom iwasslu lejn l-indiema. Tant iħossuh importanti li jintuża kemm sħiħ u kemm maqsum matul ġimgħa.

Indrija baqa' jissejjaħ lejn Kostantinopli, x'aktarx minħabba l-"ġlieda" ma' l-Ikonoklasti: dawn riedu li jinqerdu l-ikoni jew pitturi qaddisa, u dakkru anki lill-awtoritajiet, minn xi imperaturi 'l isfel. Dan l-isqof għaref kien jargumenta li ma tistax tkun Nisrani sħiħ jekk ma tqimx 'il-qaddisin, u ma tistax tqimhom sew jekk twarrab xbihiethom. Forsi fir-ritorn mill-kapitali miet fil-gżira ta' Lesbos – imbiegħda sew minn Kreta – fis-sena 740 (iżda hemm min jgħid li din id-data tard wisq!). Ir-relikwi tiegħu ttieħdu Kostantinopli, f'monasteru msemmi għalih. Xi drabi jħawduh ma' Sant'Indrija ta' Kreta ieħor (imsejjaħ "il-Kalibita") li sofra l-martirju fl-istess seklu u li jitfakkar f'Ottubru.

Fl-aħħar nett nirriferikom għall-istudju li kitbilna Dun George J. Frendo fil-volum enċiklopediku *SAN ĠORĠ* (paġna 26).

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal, kif intom! Ċert li gawdejtu l-vaganzi tas-Sajf mill-aħjar li stajtu. U għamiltu sewwa għax dan huwa ż-żmien ta' mistrieħ. Ninsab ċert ukoll li għalkemm issa ilha xi ftit li għaddiet il-festa ta' San Ġorġ, din għadha f'moħħkom. U ma jistax ikun mod ieħor għax il-festa tagħna hija waħda kbira u ferm popolari u tħallik bla nifs daqskemm ikun fiha x'tara u tgawdi. Din is-sena reġa' kellna festa oħra kbira u kulħadd seta' jixxala u jiddeverti bla ebda problema. Għalikom it-tfal kellna wkoll id-dramm fuq il-ħajja ta' San Ġorġ li fih ħadu sehem bosta minnkom u oħrajn kienu dejjem preżenti fil-knisja biex jaraw l-episodji sbieħ li ħallielna l-arċipriet emeritu Mons. Salv Borg.

Imbagħad komplejna għaddejjin bil-festi fl-irħula tagħna. Ngħid għalija l-festi kollha sbieħ u dawn jgħinuna nersqu iktar lejn Alla. Dan għandu jkun l-iskop ta' kull festa Kristjana. Naħseb ħafna minnkom iħobbuhom il-festi, waqt li ssib oħrajn li jippreferu jmorru Marsalforn, ix-Xlendi jew xi bajja oħra. Il-baħar sabiħ ukoll u jagħtina s-saħħa, u sewwa li mmorru ngħumu. Tinsewx: toqogħdux hinijiet twal fix-xemx qawwija u attenti wkoll mill-bram. Tirraġġawx fil-baħar u għumu dejjem f'baħar nadif. U jekk tieħu xi ħaġa ta' l-ikel miegħek jew xi *drinks*, tħalli xejn warajk x'ħin titlaq, iżda ħalli l-post nadif kif tkun sibtu biex min jiġi warajk ikun jista' jgawdih bħalek!

Kif ngħidilkom dejjem, taħlux il-ħin kollu tħarsu u tiddevertu. Sibu ftit ħin għall-qari bl-Ingliż jew bil-Malti, għax iż-żmien jitgerbeb malajr u terġgħu ssibu ruħkom fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Morru sal-Librerija u ssellfu xi ktieb sabiħ u interessanti. Il-ktieb huwa l-aqwa ħabib tal-bniedem. Hawn min iħobb jieħu miegħu xi ktieb meta jmur jgħum; m'hix idea ħażina. Is-sajf twil u allura araw li tagħmlu wkoll xi opra tajba mal-proxxmu tagħkom. Tistgħu, ngħidu aħna, tmorru żżuru lil xi ħadd marid l-isptar, tagħmlu xi qadja lill-ġirien, tmorru taraw lil xi anzjan jew lil xi ħadd li jgħix waħdu, tagħmlu xi xogħol volontarju. Naħseb ukoll li xi wħud minnkom attendew l-Iskola-Sajf li jorganizza l-*Oratorju Don Bosco* inkella xi skola. Ħaġa sabiħa u ta' min jinkuraġġiha.

Dak kollox għal-lum. Iż-żmien jitgerbeb bla ma nittendu. Mela dan is-sajf agħmel użu sewwa mill-ħin waqt li tieħu l-mistrieħ tiegħek. Ara li jkollok kollox lest ukoll għal meta jasal iż-żmien li terġa' lura lejn l-iskola.

klabb kotba maltin **Kompetizzjoni**: Semmuli żewġ poeżiji fuq San Ġorġ li dehru fil-ktieb tal-festa ta' din is-sena u għiduli min kitibhom. Agħtuni wkoll żewġ strofi (tmien versi) minn waħda minn dawn il-poeżiji. Għandkom żmien **sat-Tnejn 19 ta' Ottubru 2009**. Ibagħtuhom fl-indirizz tas-soltu: Kompetizzjoni Qwiel Maltin, c/o "Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex.

*Iż-Żiju Joe*







**Il-Griżma ta' l-Isqof (31 ta' Mejju 2009)**

Attard Emanuel, Attard Jacob, Attard Jakob, Attard Krista, Borg Ema Marie, Bugeja Daniela, Camilleri Francis James, Camilleri Michela, Camilleri Rudolf, Cassar George, Cassar Stefan, Cauchi Cherie, Cutajar David, Cutajar George, Debrincat Kimberlie, Debrincat Maria, Ellis Mark, Farrugia Mark, Galea Matthew, Gauci Marlon, Grech Andrew, Grech Lauren, Grima Annabelle, Grima Daniel, Mercieca Chris, Mercieca Jurgen, Mifsud Matthew, Mizzi Gianluca, Mompalao Kylie Jo, Portelli Angelica, Portelli Daniel, Portelli George Franklin, Portelli Joseph, Portelli Mark, Portelli Nicolas, Scicluna Ester, Sillato Francesca, Spiteri Jorgen, Spiteri Owen, Sultana George, Sultana Nathlin, Theuma Dorianne, Xerri Anthony.

**L-Ewwel Tqarbina (7 ta' Ġunju 2009)**

Attard Romualdo, Balzan Sarah, Camenzuli Riana, Camilleri Jeremy, Camilleri Monique, Cassar Joshua, Cauchi Justin, Cremona Oliver, Cutajar Emer Pio, Farrugia Lucas, Farrugia Miguel, Galea Angelica, Gauci Ian, Grima Gabriel, Hadhri Chris, Mercieca Yanika, Mizzi Mark, Moffitt Jayden, Pace Michela, Portelli Joseph, Rapa Jeremy, Sacco Karl, Scerri Kimberley, Tabone Lorianna, Vella Adam, Vella Nicholas, Zammit Anthony.

Ħajr tar-ritratti lil *Scerri Photo Studios* (Victoria) u lil Mario Saliba (www.photographygozo.com).



# TISLIBA

## Mimdudin

5 Il-qagħda tagħha bdiet tirkupra wara sena diżastru. (9)
10 Kunjom. (7)
11 Jintuża waqt xi gwerra. (9)
13 Ta' l altar ta' San Ġużepp ġiet imbierka f'Lulju tas-sena 1987. (10)
14 Hekk jissejjaħ anniversarju li jiċċelebra qassis. (12)
17 Issib minnhom waqt xi gwerra. (6)
19 Kull għaqda timxi magħhom. (6)
20 Dari ħafna nies kienu jisimgħuh. (11)
23 Issib ħafna ta' xi qaddis jew patrun. (6)
24 Kulur. (7)
25 Taħt din il-ħakma ġejna attakkati mill-furbani. (9)
26 Sabiħa. (9)
27 Innu liturġiku Ortodoss. (5)

**Premju:** Ir-rebbieħ jieħu xirja ta' €35 minn għand G.F.S. Ta' l-Orjenti ta' 15 Triq ir-Repubblika, il-belt Victoria; tel: 21 563 018.

ta' l-orjenti GFS George Farrugia & Sons

## Weqfin

1 Normalment isir wara kunċert mużikali jew inawgurazzjoni. (10)
2 Ta' *Leħen il-Belt Victoria* hija 104. (9)
3 Għadda minnha l-Appostlu tal-Ġnus. (11)
4 Titlu li jingħata lil xi qassis. (9)
6 Gżira fil-baħar Mediterran. (5)
7 Fil-bażilika ta' San Ġorġ issib ħafna. (4)
8 Jirrappreżenta lil Malta f'diversi pajjiżi madwar id-dinja. (10)
9 M'hix antika. (7)
12 Fil-kumitati tal-festi ssib ħafna minnhom. (10)
14 Ġeneralment toħroġ f'jum il-festa. (11)
15 Tindaqq fil-knisja. (8)
16 Kull stazzjon tat-televiżjoni għandu bħalha. (5)
18 Xahar tas-sena. (7)
21 Kull tip ta' bini jkollu bħalha. (7)
22 Hemm diversi kwadri fil-bażilika ta' San Ġorġ b'dan it-tip ta' materjal. (6)

**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba – Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' email lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mit-Tnejn 19 ta' Ottubru 2009.**
Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. **Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.**

**Riżultati tat-tisliba ta' Mejju-Ġunju 2009: Ħadd ma rebaħ din it-tisliba.**
MIMDUDIN: 1) xettru; 3) eremita; 7) April; 8) ERDF; 10) festa; 13) megalomartri; 14) Atti; 15) Kostantinopli; 20) ġilju; 22) traduzzjoni; 23) kuntratt; 24) ġens; 25) bumbardamenti.
WEQFIN: 2) Talkies; 3) eku; 4) Mediterran; 5) Randan; 6) Patrijarka; 7) armonija; 8) eliti; 9) ġeneral; 11) duttrina; 12) Oċċident; 16) sagristija; 17) nisel; 18) patrimonju; 19) titular; 21) Lulju.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Ġunju – Lulju 2009

*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**Il-Ħadd 31 ta' Mejju**
**11.00am**: Fs-solennità ta' Għid il-Ħamsin l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa konċelebrazzjoni solenni li fiha amministra s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lill-kandidati mill-parroċċa ta' San Ġorġ.
**Mill-Ħadd 31 ta' Mejju sat-Tlieta 2 ta' Ġunju**
**06.00pm:** L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa tlitt ijiem ta' Tridu solenni fil-bażilika bi tħejjija għall-festa parrokkjali ta' San Ġwann Bosco.
**L-Erbgħa 3 ta' Ġunju**
**06.00pm:** Ġiet iċċelebrata l-festa parrokkjali ta' San Ġwann Bosco, fl-okkażjoni taż-żjara ta' l-istatwa tiegħu mill-*Oratorju Don Bosco*. Dan biex tfakkru l-ħamsa u sebgħin sena mill-ftuħ ta' l-ewwel Oratorju kif ukoll mill-kanonizzazzjoni tal-qaddis. Saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, fejn Dun Effie Masini, saċerdot tal-parroċċa u direttur ta' l-Oratorju, għamel diskors storiku qasir fuq ir-rabta ta' Don Bosco mal-parroċċa ta' San Ġorġ. Wara ħarġet purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco lejn l-*Oratorju Don Bosco*, fejn ħadu sehem il-kapitlu u l-kleru u l-banda ċittadina *La Stella*.



**Il-Ħamisijiet 4, 11, 18 u 25 ta' Ġunju**
**06.00pm:** Saru l-Ħamisijiet devozzjonali ta' San Ġorġ, immirati b'mod speċjali lejn l-adoloxxenti u t-tfal tal-parroċċa. Il-Quddies bil-priedka tmexxa minn Patri Peter Paul Cachia OSA, il-Kan. George Bezzina, Dun Ġużepp Gauci u Mons. George Grima rispettivament.
**Il-Ħadd 7 ta' Ġunju 2009**
**11.00am:** Fil-festa tat-Trinità Qaddisa l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona ta l-ewwel tqarbina lil numru ta' tfal mill-parroċċa tagħna.
**L-Erbgħa 10 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Ingħata bidu għat-tnax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* bi tħejjija għall-festa ta' San Ġorġ. Il-kunċerti kollha saru fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, fil-bażilika jew fl-inħawi tal-madwar, u bdew kollha – ħlief għal xi eċċezzjonijiet – fit-8.00pm.
**Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju**
Ġiet iċċelebrata s-solennità tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-bażilika kien jum ta' adorazzjoni solenni.
**Il-Ħadd 14 ta' Ġunju**
**09.00am:** Tfakkret is-solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej b'konċelebrazzjoni konventwali u purċissjoni qasira bis-Santissmu Sagrament li ħarġet sa Pjazza Indipendenza.
**It-Tnejn 29 ta' Ġunju**
**09.00am:** F'għeluq is-Sena Pawlina u fis-solennità ta' San Pietru u San Pawl saret konċelebrazzjoni konventwali fil-bażilika.
**It-Tlieta 30 ta' Ġunju**
**Fis-6.00pm:** bħala parti mill-programm tal-festa, Mons. Emanuel Curmi mexxa Quddiesa għall-persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu. Wara saret ikla tal-festa għalihom organizzata mil-*Ladies Society* fiċ-ċentru parrokkjali.
**Il-Ħamisijiet 2 u 9 ta' Lulju**
**06.00pm:** Il-Quddiesa bil-priedka tat-tmien Ħamis ta' San Ġorġ saret mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.
**Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju**
**07.00pm:** L-istazzjon komunitarju tar-radju *Leħen il-Belt Victoria* fakkar l-għaxar anniversarju mill-ftuħ tiegħu permezz ta' konċelebrazzjoni solenni li għaliha kienu preżenti dawk kollha li xi darba jew oħra ħadmu fir-radju. Fi tmiem il-Quddiesa sar kxif ta' lapida ta' tifkira fis-sular ta' isfel tal-bini ta' l-istazzjon fi Pjazza San Ġorġ u wara festin żgħir fl-istess pjazza.
**Is-Sibt 4 ta' Lulju**
**10.00am:** Bħala parti mill-attivitajiet f'għeluq l-għaxar snin ta' l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria* saret xandira diretta minn Pjazza San Ġorġ fejn ġew intervistati bosta kollaboraturi ta' l-istazzjon. Ix-xandira, li tmexxiet minn Franceso Pio Attard, waqfet għall-ħabta tas-1.00pm.
**06.00pm:** Ingħata bidu għan-Novena ta' San Ġorġ fil-bażilika, b'disat ijiem ta' tħejjija spiritwali għall-festa. Il-Quddies tmexxa mill-membru onorarju tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ u kappillan tal-Munxar, il-Kan. Tonio Galea. Kull jum tan-Novena f'ħin l-omelija ttella' episodju mir-rappreżentazzjoni drammatika *San Ġorġ: Il-Ġawhra ta' Kristu Rebbieħ*, miktuba minn Mons. Salv Borg fl-2001. Id-direzzjoni kienet ta' Antonella Zammit u l-produzzjoni ta' l-uffiċċju parrokkjali. In-Novena kienet indirizzata b'mod partikulari għat-tfal u l-adoloxxenti tal-parroċċa, li kienu ilhom jitħejjew għaliha fil-Ħamisijiet ta' San Ġorġ.
**Il-Ħadd 5 ta' Lulju**
**12.30am:** F'għeluq l-attivitajiet marbuta ma' l-għaxar anniversarju ta' l-istazzjon komunitarju saret ikla lill-kollaboraturi kollha fid-dar parrokkjali.
**Il-Ħamis 9 ta' Lulju**
**09.00am:** Bħala parti mill-attivitajiet tal-festa fid-disa' u l-aħħar Ħamis ta' San Ġorġ saret Quddiesa għall-anzjani u l-morda bis-sehem tal-voluntiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann, li fiha ngħata s-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Wara saret *Tombola Get-Together* fiċ-ċentru parrokkjali.
**Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju**
**08.30pm:** Saret l-ikla tradizzjonali tal-festa fi Pjazza San Ġorġ, organizzata mis-Soċjetà *La Stella*.
**Il-Ħadd 12 ta' Lulju**
**11.00am:** Mons. Alfred Xuereb mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin sena presbiterali tiegħu. Fi tmiem il-Quddiesa Mons. Xuereb, assistent personali tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI, ġie ppreżentat insinja tal-kolleġġjata Ġorġjana li tagħha hu membru onorarju, filwaqt li hu rreċiproka billi rregala lill-bażilika pjaneta minn għand il-Papa bl-arma pontifiċja tiegħu fuqha. L-omelija ta' l-okkażjoni saret mill-isqof emeritu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, u kienu preżenti wkoll in-nunzju appostoliku f'Malta l-E.T. Mons. Tommaso Caputo, li fl-aħħar qara messaġġ ta' awguri mill-Papa, u l-isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons. Mario Grech, li amministra l-Griżma ta' l-Isqof lit-tfajjel George Camilleri.

**06.00pm:** Ġiet fi tmiemha n-Novena ta' San Ġorġ. L-episodju sar wara l-Quddiesa u fi tmiemu daħħlet fil-bażilika l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ ta' Vincenzo M. Cremona, li ntlaqgħet b'entużjażmu kbir min-nies. L-istatwa mbagħad tqiegħdet fil-bieb tas-sagristija sal-Ġimgħa 17 ta' Lulju. Hekk kif spiċċat in-Novena sar festin kbir lit-tfal kollha fi Pjazza San Ġorġ.

**It-Tnejn 13 ta' Lujlu**

**08.00pm:** Ġiet fi tmiemha t-tnax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* b'kunċert sinfoniku u korali fil-bażilika San Ġorġ. F'dan il-kunċert konklużiv ħadu sehem l-*Orkestra Filarmonika Nazzjonali* ta' Malta, il-kor tal-bażilika *Laudate Pueri*, il-vjolinċellista Daniel Veis u l-organista Scott Farrell. Il-kunċert kien taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-bażilika.

**It-Tlieta 14 ta' Lujlu**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.

**08.00pm:** Hekk kif il-banda ċittadina *La Stella* waslet fi Pjazza San Ġorġ, wara li bdiet is-servizz tagħha mill-inħawi ta' Taċ-Ċawla, sar il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa fost l-entużjażmu tal-Ġorġjani miġbura fil-bażilika. L-istatwa mbagħad iddawret mal-bażilika sakemm inħarġet fil-bieb fejn sabet tilqagħha l-banda *La Stella* bl-innu marċ iddedikat lil San Ġorġ.

**08.45pm:** Iż-żgħażagħ u l-adoloxxenti tal-parroċċa attendew għal *Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* madwar San Ġorġ organizzata mill-grupp *23four>>*. Din is-sena l-laqgħa tmexxiet mid-djaknu Noel Debono, bit-tema *"Ibni darek fuq il-blat" (Mt 7:24)*. Fl-aħħar tal-laqgħa ngħataw bħala tifkira ġebla forma ta' kantun żgħir bil-kliem tat-tema miktub fuqha kif ukoll *bookmark*.

**09.30pm:** Il-banda *Ite ad Joseph* tal-Qala bdiet il-marċ tagħha mis-sede tal-każin fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn imbagħad ingħata bidu għad-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ li ttellgħet fi Pjazza San Franġisk.

**L-Erbgħa 15 ta' Lulju**

**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar ta' l-ewwel jum tat-Tridu ppresedut minn Mons. George Grima, u dritt wara Mons. Carmelo Refalo għamel l-ewwel minn tliet priedki fuq il-qaddis. Il-Kan. George Debrincat ippresieda l-innu, l-antifona u l-barka Ewkaristika.

**10.00pm:** Il-banda ċittadina *La Stella* u l-banda *Santa Margerita* ta' Ta' Sannat Ingħaqdu fi Pjazza San Franġisk wara li bdew il-marċ tagħhom minn Triq Għajn Qatet u Triq l-Arċisqof Pietru Pace rispettivament, fejn taw bidu għad-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol Alfred Camilleri Cauchi. Id-dimostrazzjoni spiċċat fi Pjazza San Ġorġ fejn l-istatwa ttellgħet fuq il-pedistall tagħha.

**Il-Ħamis 16 ta' Lulju**

**09.00am:** Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-kolleġġjata, għal ruħ is-saċerdoti mejtin tal-parroċċa.

**01.00pm:** Il *Colyton Grammar School Choir* mill-Ingilterra għamel kunċert fil-bażilika.

**06.30pm:** Il-Kan. Felix Tabone, vigarju parrokkjali, mexxa l-kant solenni ta' l-Għasar tat-tieni jum tat-Tridu, u wara Mons. Carmelo Refalo għamel it-tieni priedka fuq il-patrun. Wara t-talba tal-kurunella Mons. Alfred Xuereb mexxa ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**09.30pm:** Bdiet id-dimostrazzjoni bl-istatwa l-ġdida ta' San Ġorġ Patrun t'Għawdex, bis-sehem tal-baned *Beland* taż-Żejtun u *Santa Marija* taż-Żebbug, li ttellgħet fi Pjazza Savina, imma qabel intwera *feature* bl-isem ta' *San Ġorġ:Patrun t'Għawdex* fl-istess pjazza.

**Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju**

**09.00am:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, b'suffraġju għall-membri tal-parroċċa li mietu fl-aħħar sena.

**06.30pm:** L-Għasar tat-tielet jum tat-Tridu tmexxa minn Mons. Carmelo Sciclunа, u fi tmiemu fil-preżenza ta' l-isqof u dekan tal-kolleġġjata Mons. Mario Grech saret ċerimonja qasira tal-pussess ta' dinjitajiet, uffiċċji u membru ġdid tal-kapitlu. Wara Mons. Carmelo Refalo ta għall-aħħar darba omelija mill-isbaħ fuq il-qaddis tagħna. Il-Kan. On. Dr Joe Zammit mexxa ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**09.30pm:** Il-banda ċittadina *La Stella* tat bidu għad-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, bis-sehem tal-banda Mnarja tan-Nadur, li ttellgħet fi Pjazza Indipendenza.

**Is-Sibt 18 ta' Lujlu**

**09.00am:** L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, arċisqof metropolita emeritu ta' Malta, ippresieda konċelebrazzjoni solenni bil-kant tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla għas-suċċess spiritwali tat-Tridu mqaddes.

**06.00pm:** Il-banda ċittadina *La Stella* bdiet marċ minn quddiem is-sede tagħha fi Triq ir-Repubblika u laqgħet lill-isqof Mons. Mario Grech, dekan tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ, u akkumpanjatu sal-bażilika.

**06.20pm:** L-E.T. Dr George Abela, President tar-Repubblika ta' Malta, intlaqa' bl-innu Malti fi Pjazza San Ġorġ u wara ngħaqad mal-miġemgħa fil-bażilika għat-Translazzjoni solenni.

**06.30pm:** Saru fil-bażilika t-Translazzjoni solenni u ċ-ċelebrazzjoni pontifikali ta' l-ewwel Għasar ippreseduti mill-isqof djoċesan Mons. Mario Grech, assistit minn delegazzjoni tal-kapitlu tal-Katidral u l-kapitlu tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ.

**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, ta l-barka Ewkaristika.

**09.30pm:** Il-banda ċittadina *La Stella* esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire* taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur il-Prof. Joseph Vella. Wara beda marċ kolossali minn Pjazza San Ġorġ bis-sehem tal-baned *La Stella* u *King's Own* tal-Belt fi Triq ir-Repubblika, li ntemm bil-ħruq tan-nar ta' l-art fi Pjazza San Franġisk.

**Il-Ħadd 19 ta' Lulju**

**08.00am:** Il-kapitlu u l-kleru tal-bażilika akkumpanjaw lill-isqof u dekan Mons. Mario Grech mill-palazz veskovili sal-bażilika ta' San Ġorġ. Il-banda *Ite ad Joseph* għamlet marċ minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ, fejn akkumpanjat il-purċissjoni qasira.

**08.20am:** Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta, intlaqa' bid-daqq ta' l-innu Malti biex wara ngħaqad mal-ġemgħa miġbura fil-bażilika għall-pontifikal tal-festa.

**08.30am:** Wara li ntemm il-kant tat-Terza fis-sagristija maġġuri, beda l-pontifikal solenni mmexxi mill-isqof u dekan tal-kolleġġjata Mons. Mario Grech, fejn ġiet esegwita l-*Mass in D in honour of St George "Princeps Martyrum"* tal-Prof. Joseph Vella. Għall-pontifikal kienu preżenti diversi dinjitajiet, filwaqt li Mons. Grech għamel l-omelija fuq il-Patrun tal-gżira.

**06.00pm:** Iċ-ċelebrazzjoni pontifikali tat-tieni Għasar ġiet ippreseduta mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex.

**07.00pm:** Bdiet ħierġa l-purċissjoni pontifikali ta' San Ġorġ, fejn il-banda ċittadina u dekana *La Stella* laqgħet fil-bieb l-istatwa titulari bid-daqq ta' l-innu *Georgius natus est*. Wara l-wieħed u għoxrin salut il-banda *La Stella* esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire* fejn għal darb'oħra waqt il-glorja sar it-tixjir tal-palm.

**07.30pm:** Bdiet miexja l-purċissjoni pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, bis-sehem ta' rappreżentanti tal-kapitlu Katidrali, il-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, ordnijiet reliġjużi, seminaristi tal-djoċesi u fratellanzi tal-parroċċa. Il-banda ċittadina u dekana *La Stella* akkumpanjat bid-daqq ta' marċijiet reliġjużi.

**10.00pm:** Il-purċissjoni, li daret madwar il-belt t'Għawdex, waslet fi Pjazza San Ġorġ. L-istatwa mbagħad intlqgħet bid-daqq u l-kant ta' l-innu *Lill-kbir martri San Ġorġ*, biċ-ċapċip tal-poplu Għawdxi u merfugħa mill-partitarji.

**10.30pm:** Wara d-dħul ta' l-istatwa fil-bażilika arċimatriċi u protoparrokkjali ndaqqet l-antifona *Beatus Georgius* u fit-tmiem ingħatat il-barka Ewkaristika mill-Arċipriet. B'hekk intemmu l-festi kbar f'ġieħ il-patrun tal-gżira Għawdxija, San Ġorġ.

**Il-Ġimgħa 24 ta' Lulju**

**08.00pm:** Sar *BBQ* fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali għat-tfal, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ kollha li ħadu sehem fin-Novena tal-festa.

## GĦAXAR SNIN TA' STAZZJON TAR-RADJU KOMUNITARJU

*Leħen il-Belt Victoria*, l-istazzjon tar-radju komunitarju tal-parroċċa, fit-3 ta' Lulju 2009 għalaq għaxar snin mill-ewwel xandira uffiċjali tiegħu fl-1999. L-anniversarju tfakkar b'sensiela ta' appuntamenti, fosthom Quddiesa u kxif ta' lapida kommemorattiva mill-Arċipriet fis-sular ta' isfel ta' *Dar Leħen il-Belt Victoria* il-Ġimgħa 3 ta' Lulju, programm speċjali minn Pjazza San Ġorġ bis-sehem ta' bosta preżentaturi u kollegi s-Sibt 4 fil-għodu, u pranzu fiċ-ċentru parrokkjali għall-kollaboraturi kollha ta' l-aħħar għaxar snin il-Ħadd 5. Għall-okkażjoni tħejjiet ukoll skeda speċjali mħawra b'bosta programmi ta' tifkira, li ġiet irriklamata fi ktejjeb speċjali b'artikli storiċi.





## NOVENA DRAMMATIZZATA

Fid-disat ijiem tan-Novena reġgħet ġiet introdotta b'suċċess ir-rappreżentazzjoni drammatika fuq il-ħajja ta' San Ġorġ. Waqt il-ħin ta' l-omelija ttellgħu l-episodji mid-dramm *San Ġorġ: Ġawhra ta' Kristu Rebbieħ* ta' Mons. Salv Borg, taħt id-direzzjoni ta' Antonella Zammit, bis-sehem ta' atturi żgħażagħ u t-tfal. Il-Quddies tmexxa mill-Kan. Tonio Galea. Fl-aħħar ġurnata d-dramm sar wara l-Quddiesa, u ddaħħlet fil-bażilika l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ; wara ttella' festin kbir għat-tfal fi Pjazza San Ġorġ. Fil-jiem tan-Novena spikka l-kant, wisq għal qalb it-tfal tal-parroċċa, ta' l-innu tal-Kan. Joe Mejlak u l-Prof. Joseph Vella *Georgius natus* ... din is-sena jagħlaq ħamsa u għoxrin sena minn m... għall-okkażjoni taċ-ċentinarju Ġorġjan ta' l-19...

## BIDLIET U TIĠDID FIL-KAPITLU ĠORĠJAN

B'digriet tat-Tnejn 13 ta' Lulju 2009, iffirmat fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, l-isqof djoċesan u dekan tal-kolleġġjata Mons. Mario Grech ordna ħatriet ġodda fi ħdan il-kapitlu Lateranensi ta' San Ġorġ. Dan wara li xi dinjitajiet u uffiċċji sfaw vakanti fl-aħħar snin. Iċ-ċerimonja tal-pussess u l-wegħdiet tħabbret għall-għarrieda għall-aħħar jum tat-Tridu, il-Ġimgħa 17. Dak in-nhar, wara l-kant ta' l-Għasar solenni mmexxi minn Mons. Carmelo Scicluna, fil-preżenza ta' l-isqof Grech li assista minn fuq it-tron, saret iċ-ċerimonja: Mons. Carmelo Scicluna sar teżorier, il-Kan. Karm Grech kantur u l-Kan. Saver Calleja primiċerju; l-aħħar tnejn għalhekk irċivew it-titlu ta' monsinjur. Il-Kan. Ġwann Mercieca sar penitenzier, il-Kan. Ġużeppi Sacco teologu u l-Kan. Feliċ Tabone kanċillier. Il-Kan. George Bezzina, s'issa onorarju, sar koġitur tal-Kan. Ġwann Scicluna. Fl-aħħar nett Dun Emanuel Buttigieg, s'issa ċerimonier tal-kapitlu, ġie mlibbes mill-Isqof bħala kanonku effettiv tal-kolleġġjata.



